Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Ġunju 2022**
**(OR. en)**

**9707/22**

**ECOFIN 528**
**UEM 135**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 2 ta' Ġunju 2022 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 280 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL RAPPORT DWAR IL-KONVERĠENZA TAL-2022 (imħejji f'konformità mal-Artikolu 140(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 280 final.

Mehmuż: COM(2022) 280 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.6.2022
COM(2022) 280 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**RAPPORT DWAR IL-KONVERĠENZA TAL-2022**

**(imħejji f'konformità mal-Artikolu 140(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)**

{SWD(2022) 280 final}

# 1. L-GĦAN TAR-RAPPORT

Il-ħsieb wara l-euro huwa li tkun il-munita unika tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi. Bħalissa tintuża kuljum minn madwar 343 miljun ruħ f'19-il Stat Membru fiż-żona tal-euro. Il-benefiċċji prattiċi jinkludu prezzijiet stabbli, kostijiet tat-tranżazzjonijiet aktar baxxi għan-nies u għan-negozji, swieq aktar trasparenti u kompetittivi u żieda fil-kummerċ intra-UE u internazzjonali. L-euro hija wkoll it-tieni munita l-aktar użata fid-dinja.

L-Artikolu 140(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jirrikjedi li l-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jirrapportaw lill-Kunsill, mill-anqas darba kull sentejn, jew fuq talba ta' Stat Membru b'deroga[1], dwar il-progress miksub mill-Istati Membri fit-twettiq tal-obbligi tagħhom dwar il-kisba ta' unjoni ekonomika u monetarja. Ir-Rapporti dwar il-Konverġenza l-aktar riċenti tal-Kummissjoni u tal-BĊE ġew adottati f'Ġunju tal-2020.

Ir-Rapport dwar il-Konverġenza tal-2022 ikopri s-seba' Stati Membri b'deroga li ġejjin: il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Iżvezja[2]. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport jipprovdi valutazzjoni aktar dettaljata tal-istat ta' konverġenza f'dawn l-Istati Membri[3].

L-Artikolu 140(1) tat-TFUE jirrikjedi li r-rapporti jinkludu eżami tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, inkluż l-istatuti tal-bank ċentrali nazzjonali, mal-Artikoli 130 u 131 tat-TFUE u mal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (l-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE). Ir-rapporti jridu jeżaminaw ukoll jekk ikunx intlaħaq grad għoli ta' konverġenza sostenibbli fl-Istat Membru kkonċernat, b'referenza għall-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza (l-istabbiltà tal-prezzijiet, il-finanzi pubbliċi, l-istabbiltà tar-rati tal-kambju, ir-rati tal-imgħax fit-tul), u billi jitqiesu fatturi oħrajn rilevanti għall-integrazzjoni u l-konverġenza ekonomika msemmija fl-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 140(1) tat-TFUE. L-erba' kriterji ta' konverġenza huma żviluppati ulterjorment fi protokoll anness mat-Trattati (il-Protokoll Nru 13 dwar il-kriterji ta' konverġenza).

It-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 f'Marzu 2020 wasslet għal tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku għall-UE kollha kemm hi u fl-Istati Membri kollha. Azzjoni mingħajr preċedent meħuda fil-livell tal-UE u mill-Istati Membri individwali taffiet l-impatt tal-kriżi u wasslet għal irkupru robust fl-2021. B'mod partikolari, attivazzjoni rapida tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, flimkien mal-qafas temporanju dwar l-għajnuna mill-Istat, ippermettiet appoġġ fiskali fuq skala kbira fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, il-BĊE ħa sett wiesa' ta' miżuri ta' politika monetarja sabiex jippreserva kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli għas-setturi kollha tal-ekonomija sabiex jappoġġa l-attività ekonomika u jissalvagwardja l-istabbiltà tal-prezzijiet fuq terminu medju. L-introduzzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li hija l-parti ċentrali ta' NextGenerationEU, qiegħda tkompli ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE. Fl-istess ħin, l-irkupru qawwi fl-2021, il-konġestjonijiet fil-katina tal-provvista u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija kkontribwew għal żieda qawwija fl-inflazzjoni matul l-2021 u fl-2022.

[1] L-Istati Membri li għadhom ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-euro jissejħu "Stati Membri b'deroga". Id-Danimarka nnegozjat nonparteċipazzjoni qabel l-adozzjoni tat-Trattat ta' Maastricht u ma tipparteċipax fit-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja.

[2] Id-Danimarka ma esprimietx l-ebda intenzjoni li tadotta l-euro u għalhekk ma hijiex koperta fil-valutazzjoni.

[3] Id-data limitu għad-*data* użata f'dan ir-rapport hija t-18 ta' Mejju 2022. Il-valutazzjoni tal-konverġenza hija bbażata fuq firxa ta' indikaturi ta' konverġenza ta' kull xahar li huma kkalkolati sa April 2022.

L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-24 ta' Frar 2022 sfurzat rivalutazzjoni tal-prospetti għall-ekonomija tal-UE, li kienet mistennija li tespandi bis-saħħa fl-2022 u fl-2023. Il-kriżi prinċipalment tat xokk ġdid min-naħa tal-provvista lil ekonomija li diġà kienet qiegħda tiffaċċja pressjonijiet inflazzjonarji. Dan dgħajjef il-prospetti ta' rkupru u saħħaħ il-pressjonijiet 'il fuq fuq il-prezzijiet, filwaqt li kompla jenfasizza l-ħtieġa għal investiment privat u pubbliku akbar sabiex jiġu ddiversifikati l-provvisti tal-enerġija tal-Ewropa u sabiex tittejjeb is-sigurtà tal-enerġija. Bosta mill-Istati Membri b'deroga vvalutati f'dan ir-rapport huma fost l-aktar esposti għall-kriżi kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Fi gradi differenti, dan l-esponiment jirrifletti l-intensità relattivament għolja tal-enerġija tal-ekonomiji tagħhom, id-dipendenza qawwija minn xi wħud fuq il-provvisti Russi tal-gass u taż-żejt, ir-rabtiet kummerċjali mar-Russja u l-għoti ta' assistenza tal-ewwel linja lill-persuni li jaħarbu mill-Ukrajna. Fit-18 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni pproponiet pjan REPowerEU, li għalih il-Faċilità ta' Rkupru u Reżiljenza se tkun għodda ewlenija. Għandu l-għan li jneħħi gradwalment id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili mir-Russja ħafna qabel l-2030 billi jiddiversifika l-provvisti tal-gass tal-UE u jħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika.

Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat il-pakkett tagħha tas-Semestru Ewropew tar-rebbiegħa 2022. L-Istati Membri għandhom jiffokaw primarjament fuq l-implimentazzjoni f'waqtha tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs). Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill sabiex jindirizza lill-Istati Membri kollha b'RRP approvat: rakkomandazzjoni dwar il-politika fiskali, inkluż ir-riformi fiskali strutturali fejn rilevanti; rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-RRP u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni; rakkomandazzjoni dwar il-politika tal-enerġija f'konformità mal-objettivi tar-REPowerEU; fejn rilevanti, rakkomandazzjoni addizzjonali dwar sfidi strutturali pendenti u/jew emerġenti ġodda. L-ambitu tar-rakkomandazzjonijiet huwa akbar għall-Istati Membri li ma jkollhomx RRPs approvati.

It-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, il-miżuri meħuda b'reazzjoni għal dik il-kriżi, iż-żieda f'daqqa fil-prezzijiet tal-komoditajiet, il-konġestjonijiet fil-provvista u l-irkupru robust fl-2021 kellhom impatt sinifikanti fuq xi wħud mill-indikaturi tal-konverġenza ekonomika użati f'dan ir-rapport. Dan huwa partikolarment il-każ għall-valutazzjoni tal-kriterju tal-istabbiltà tal-prezzijiet. Id-differenzi fil-prestazzjoni tal-inflazzjoni madwar l-UE żdiedu l-aktar minħabba l-impatt eteroġenu tal-irkupru fuq ir-rati tal-inflazzjoni tal-Istati Membri u d-differenzi fl-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija. Barra minn hekk, id-diversi miżuri fiskali meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex itaffu l-impatt ta' prezzijiet ogħla tal-enerġija għandhom rwol. Filwaqt li xi wħud minn dawn il-miżuri, bħat-trasferimenti soċjali lill-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli, ma għandhomx impatt dirett fuq il-prezzijiet tal-konsumatur, oħrajn għandhom impatt aktar dirett fuq il-valutazzjoni tal-konverġenza tal-inflazzjoni. Barra minn hekk, ir-rati tal-imgħax fit-tul ġew influwenzati, inizjalment, mill-miżuri ta' politika meħuda sabiex jiġu stabbilizzati s-swieq finanzjarji u sabiex jiġu ppreservati kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli u, aktar tard, minn aspettattivi ogħla dwar l-inflazzjoni u l-mogħdijiet differenti ta' ssikkar monetarju.

Ir-riċessjoni ekonomika tal-2020 u r-rispons fiskali għall-pandemija tal-COVID-19 wasslu għal żieda qawwija fid-defiċits u fid-dejn tal-gvern estiż. Fl-2020, id-defiċit kien ogħla mit-3 % tal-valur ta' referenza tat-Trattat tal-PDG f'25 Stat Membru, b'defiċit aggregat tal-UE ta' 6,8 % tal-PDG. Fl-2021, l-irkupru ekonomiku qawwi kkontribwixxa għal titjib fid-defiċits tal-gvern u d-dejn tjieb, bi ħmistax-il Stat

Membru jirreġistraw defiċits ogħla minn 3 % tal-PDG u d-defiċit aggregat tal-UE naqas għal 4,7 % tal-PDG. F'Marzu tal-2020, il-Kummissjoni Ewropea, bil-qbil tal-Ministri tal-Finanzi tal-UE, attivat il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fit-23 ta' Mejju 2022, fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-pakkett tar-rebbiegħa tas-Semestru Ewropew 2022, il-Kummissjoni qieset li l-Unjoni kienet għadha ma ħarġitx minn perjodu ta' reċessjoni ekonomika severa u li l-kundizzjonijiet biex tinżamm il-klawżola liberatorja ġenerali fl-2023 u biex din tiġi diżattivata mill-2024 intlaħqu. Il-Kummissjoni stiednet lill-Kunsill biex japprova din il-konklużjoni biex jipprovdi ċarezza lill-Istati Membri. Fir-rebbiegħa tal-2020, tal-2021 u tal-2022, il-Kummissjoni qieset li ma għandhiex tittieħed deċiżjoni dwar jekk l-Istati Membri jitqegħdux taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, b'kont meħud tal-impatt makroekonomiku u fiskali straordinarju tal-pandemija tal-COVID-19 li, flimkien mas-sitwazzjoni ġeopolitika fir-rebbiegħa tal-2022, toħloq inċertezza eċċezzjonali, inkluż għat-tfassil ta' perkors dettaljat għall-politika fiskali[4]. Dawn il-konklużjonijiet għandhom implikazzjonijiet ċari għall-valutazzjoni tal-kriterju dwar il-pożizzjoni baġitarja tal-gvern ippreżentat f'dan ir-rapport.

L-impatt tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fuq id-*data* storika użata fir-Rapport ta' Konverġenza tal-2022 huwa limitat. Din hija konsegwenza tad-data limitu tar-Rapport (it-18 ta' Mejju), li flimkien mal-metodi ta' kalkolu definiti mit-Trattat tal-kriterji tal-istabbiltà tal-prezzijiet u tar-rata tal-imgħax fit-tul (jiġifieri medji ta' sena), ifissru li d-*data* korrispondenti tirrifletti l-aktar is-sitwazzjoni qabel l-invażjoni tar-Russja. Minflok, il-punt sa fejn l-indikaturi tal-konverġenza ekonomika huma affettwati mill-kriżi kkawżata mill-invażjoni tar-Russja kif ukoll minn żviluppi ekonomiċi oħrajn li għaddejjin, huwa kopert bis-sħiħ fil-projezzjonijiet ekonomiċi għall-2022 u għall-2023, li l-Kummissjoni ppubblikat fis-16 ta' Mejju 2022 (Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022) u jintużaw sabiex jivvalutaw is-sostenibbiltà tal-konverġenza. Din il-previżjoni hija l-ewwel valutazzjoni komprensiva tal-Kummissjoni tal-effetti ekonomiċi probabbli fl-2022 u fl-2023 tal-kriżi kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, u bħala tali, hija mdawra b'aktar inċertezza mis-soltu.

*Kriterji ta' konverġenza*

L-eżami tal-**kompatibilità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali**, inklużi l-istatuti tal-bank ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri b'deroga, flimkien mal-Artikolu 130 tat-TFUE u mal-obbligu ta' konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE, jiġbor fih valutazzjoni tal-osservanza tal-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju (l-Artikolu 123 tat-TFUE) u l-projbizzjoni tal-aċċess privileġġat għall-istituzzjonijiet finanzjarji (l-Artikolu 124 tat-TFUE); konsistenza mal-objettivi tas-SEBĊ (l-Artikolu 127(1) tat-TFUE) u mal-kompiti (l-Artikolu 127(2) tat-TFUE) u ma' aspetti oħrajn relatati mal-integrazzjoni tal-bank ċentrali nazzjonali fis-SEBĊ.

Il-**kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet** huwa definit fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 140(1) tat-TFUE: *"il-ksib ta' livell għoli ta' stabbiltà fil-prezzijiet; dan jirriżulta minn rata ta' inflazzjoni li l-iżjed tkun tixbah lil dik tat-tliet Stati Membri li jkunu qed imorru l-aħjar f'dik li hija l-istabbiltà fil-prezzijiet"*.

L-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza jipprevedi wkoll li *"il-kriterju fuq l-istabbiltà tal-prezzijiet [...] ifisser li l-Istat Membru jkollu grad ta' stabbiltà tal-prezzijiet li jkun sostenibbli u rata medja ta' inflazzjoni, osservat fuq perjodu ta' sena qabel l-eżami, li ma teċċedix b'aktar minn medja ta' inflazzjoni,*

4 Fit-3 ta' April 2020, il-Kunsill iddeċieda li jeżisti defiċit eċċessiv fir-Rumanija abbażi tad-defiċit eċċessiv ippjanat fl-2019.

*osservata fuq perijodu ta' sena qabel l-eżami, li ma teċċedix b'aktar minn 1,5 %, dik tal-aħjar tliet Stati Membri, f'dik li hi stabbiltà fil-prezzijiet. L-inflazzjoni għandha tiġi mkejla permezz ta' indiċi ta' prezzijiet tal-konsumatur fuq bażi komparabbli, meta jiġu kkunsidrati d-differenzi fiddefinizzjonijiet nazzjonali"*[5].

Ir-rekwiżit tas-sostenibbiltà jimplika li l-prestazzjoni tal-inflazzjoni sodisfaċenti trid tkun attribwibbli għall-imġiba tal-kostijiet tal-input u għal fatturi oħrajn li jinfluwenzaw l-iżviluppi fil-prezzijiet b'mod strutturali, aktar milli l-influwenza ta' fatturi temporanji. Għalhekk l-eżami tal-konverġenza jinkludi valutazzjoni tal-fatturi li għandhom impatt fuq il-perspettiva tal-inflazzjoni u huwa kkomplementat minn referenza għall-aktar previżjoni riċenti tal-Kummissjoni dwar l-inflazzjoni[6]. B'rabta ma' dan, ir-rapport jivvaluta wkoll jekk il-pajjiż huwiex probabbli li jissodisfa l-valur ta' referenza fix-xhur li ġejjin.

F'April tal-2022, il-valur referenzjarju tal-inflazzjoni ġie kkalkolat li kien 4,9 %, bi Franza, il-Finlandja u l-Greċja jkunu t-tliet "Stati Membri bl-aħjar prestazzjoni"[7].

Malta u l-Portugall ġew identifikati bħala outliers, peress li r-rati tal-inflazzjoni tagħhom iddevjaw b'marġni wiesa' mill-medja taż-żona tal-euro u kienu xprunati minn fatturi speċifiċi għall-pajjiż li jillimitaw l-ambitu tagħhom sabiex jagħixxu bħala parametri referenzjarji sinifikanti għal Stati Membri oħrajn[8]. Dan huwa konsistenti mal-prattika tal-passat peress li ġew identifikati outliers fir-Rapporti ta' Konverġenza tal-2004, tal-2010, tal-2013, tal-2014 u tal-2016. L-outliers huma identifikati abbażi ta' żewġ kriterji meħudin flimkien: i) rata ta' inflazzjoni sostanzjalment taħt il-medja taż-żona tal-euro u ii) rata ta' inflazzjoni xprunata minn fatturi speċifiċi għall-pajjiż li ma tistax titqies bħala rappreżentattiva tal-proċess li jixpruna l-inflazzjoni fiż-żona tal-euro. Fir-Rapporti ta' Konverġenza tal-passat, l-Istati Membri li kellhom rata ta' inflazzjoni ta' 1,5 punt perċentwali jew aktar taħt iż-żona tal-euro ġeneralment tqiesu bħala outliers. F'April 2022, ir-rati medji tal-inflazzjoni ta' 12-il xahar ta' Malta u tal-Portugall kienu rispettivament 2,2 punti perċentwali u 1,7 punt perċentwali taħt il-medja taż-żona tal-euro ta' 4,4 %.

Barra minn hekk, il-prestazzjonijiet tal-inflazzjoni ta' Malta u tal-Portugall kienu xprunati minn fatturi speċifiċi għall-pajjiż. Fil-każ ta' Malta, il-fatturi speċifiċi għall-pajjiż li huma riflessi fir-rata tal-inflazzjoni medja komparattivament baxxa jinkludu prezzijiet tal-enerġija ġeneralment stabbli f'kuntest ta' żieda fil-prezzijiet internazzjonali taż-żejt u tal-gass u bidliet akbar fil-piżijiet użati sabiex jiġi kkalkolat l-HICP milli fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-oħrajn tal-UE fl-2021. In-nuqqas ta' inflazzjoni fil-prezz tal-enerġija f'Malta sar possibbli b'mod partikolari permezz ta' miżuri tal-gvern, inkluż permezz ta' appoġġ finanzjarju lis-settur tal-enerġija. Kuntratt ta' prezz fiss għall-provvista ta' gass naturali likwifikat ikkontribwixxa wkoll għal dan.

Fil-każ tal-Portugall, il-fatturi speċifiċi għall-pajjiż li huma riflessi fir-rata tal-inflazzjoni medja komparattivament baxxa ħafna jinkludu inflazzjoni tal-enerġija komparattivament baxxa u l-pożizzjoni ċiklika aktar dgħajfa tal-pajjiż meta mqabbla mal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħrajn tal-UE. Taħlita ta' fatturi kellhom impatt

---

5 Għall-finijiet tal-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet, l-inflazzjoni titkejjel permezz tal-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) definit fir-Regolament (UE) 2016/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

6 Il-previżjonijiet kollha għall-inflazzjoni u varjabbli oħrajn fir-rapport attwali huma mill-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022. Il-previżjonijiet huma bbażati fuq sett ta' suppożizzjonijiet komuni għal elementi esterni varjabbli u fuq is-suppożizzjoni ta' "ebda bidla fil-politika" filwaqt li jiġu meqjusa miżuri li jkunu magħrufin f'dettall suffiċjenti.

7 Ir-rati medji tal-inflazzjoni rispettivi ta' 12-il xahar kienu ta' 3,2 %, 3,3 % u 3,6 %.

8 F'April tal-2022, ir-rati medji tal-inflazzjoni ta' 12-il xahar ta' Malta u tal-Portugall kienu 2,1 % u 2,6 % rispettivament u dik taż-żona tal-euro kienet 4,4 %.

fuq l-inflazzjoni tal-enerġija, inkluża firxa wiesgħa ta' miżuri regolatorji li żammew it-tkabbir fil-prezzijiet bl-imnut tal-elettriku u tal-gass naturali ferm taħt il-medja tal-UE. Barra minn hekk, il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt negattiv fit-tul fuq l-attività u fuq l-inflazzjoni tal-Portugall. L-attività tal-pajjiż intlaqtet b'mod aktar sever milli fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħrajn tal-UE fl-istadji bikrija tal-pandemija u l-irkupru tiegħu minn dak iż-żmien kien relattivament bil-mod. Matul ir-raba' trimestru tal-2021, il-PDG tal-Portugall kien għadu ferm taħt il-quċċata tiegħu ta' qabel il-kriżi u d-distakk kien it-tieni l-akbar fl-UE. Dan jirrifletti l-aktar l-esponiment kbir tal-Portugall għat-turiżmu u b'mod partikolari t-turiżmu bbażat fuq l-avjazzjoni, li kien affettwat ħafna u fit-tul mill-pandemija. Id-dgħufija relattiva fl-irkupru tal-Portugall kellha effett ta' taffija fit-tul fuq l-inflazzjoni fis-servizzi, b'mod partikolari f'setturi relatati mat-turiżmu.

Il-**kriterju** ta' konverġenza **li jittratta l-finanzi pubbliċi** huwa definit fit-tieni inċiż tal-Artikolu 140(1) tat-TFUE bħala is-*"sostenibbiltà tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Gvern; din tirriżulta minn sitwazzjoni baġitarja li tkun mingħajr defiċit eċċessiv fis-sens tal-Artikolu 126(6)"*.

Barra minn hekk, l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza jgħid li dan il-kriterju jfisser li *"fil-waqt tal-eżami l-Istat Membru ma jkunx suġġett meta jiġi eżaminat għal deċiżjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 126(6) tat-Trattati li jkun hemm defiċit eċċessiv"*.

It-TFUE jirreferi għall-**kriterju tar-rata tal-kambju** fit-tielet inċiż tal-Artikolu 140(1) bħala *"l-osservanza tal-marġni ta' fluttwazzjoni normali li dwarhom hemm provdut bil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea, għal mill-anqas sentejn, mingħajr żvalutazzjoni fil-konfront tal-euro"*.

L-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza jipprevedi li: *"Il-kriterju dwar il-parteċipazzjoni f'Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarja Ewropea [...] jfisser li Stat Membru jkun irrispetta il-marġni normali ta' fluttwazzjoni li hemm provdut dwarhom bil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju tas-Sistema Monetarju Ewropea mingħajr tensjonijiet qawwija għal tal-anqas l-aħħar sentejn qabel l-eżami. Partikolarment, l-Istat Membru ma jridx ikun żvaluta r-rata bilaterali ċentrali tal-munita tiegħu kontra l-euro għall-istess perjodu"*[9].

Il-perjodu rilevanti ta' sentejn għall-valutazzjoni tal-istabbiltà tar-rata tal-kambju f'dan ir-rapport huwa bejn id-19 ta' Mejju 2020 u t-18 ta' Mejju 2022. Fil-valutazzjoni tagħha tal-kriterju ta' stabbiltà tar-rata tal-kambju, il-Kummissjoni tqis l-iżviluppi f'indikaturi awżiljarji bħall-iżviluppi tar-riżervi barranin u r-rati tal-imgħax għal żmien qasir. Tikkunsidra wkoll ir-rwol tal-miżuri ta' politika, inklużi l-interventi tal-kambju, u l-assistenza finanzjarja internazzjonali kull fejn ikun rilevanti, fiż-żamma tal-istabbiltà tar-rata tal-kambju. Bħalissa, tnejn mill-Istati Membri b'deroga vvalutati f'dan ir-rapport qed jipparteċipaw fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju Ewropea (ERM II) – il-Bulgarija u l-Kroazja. Id-dħul fl-ERM II jiġi deċiż fuq talba ta' Stat Membru bil-kunsens tal-parteċipanti kollha tal-ERM II[10]. Dan ir-rapport ma huwiex relatat mal-proċess ta' dħul fl-ERM II u ma jipprovdix valutazzjoni tal-kapaċità ta' Stat Membru li jissieħeb fl-ERM II.

[9] Fil-valutazzjoni tal-konformità mal-kriterju tar-rata tal-kambju, il-Kummissjoni teżamina jekk ir-rata tal-kambju baqgħetx viċin ir-rata ċentrali tal-ERM II, filwaqt li jistgħu jitqiesu r-raġunijiet għal apprezzament, f'konformità mal-Istqarrija Komuni dwar il-Pajjiżi tal-Adeżjoni u l-ERM2 mill-Kunsill Informali ECOFIN, Ateni, il-5 ta' April 2003.

[10] Il-parteċipanti tal-ERM II huma l-ministeri għall-finanzi taż-żona tal-euro, il-BĊE, il-ministeri għall-finanzi tal-ERM II barra miż-żona tal-euro u l-banek ċentrali.

Ir-raba' inċiż tal-Artikolu 140(1) tat-TFUE jirrikjedi li *"d-durabbiltà tal-konverġenza miksuba mill-Istat Membru b'deroga u l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Mekkaniżmu tar-Rata tal-Kambju" tidher "**fil-livelli tar-rati ta' mgħax f'perjodi fit-tul**".* L-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza jiddikjara ulterjorment li *"l-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati ta' mgħax [...] jfisser li, Stat Membru, osservat fuq perjodu ta' sena qabel l-eżami, kellu rata ta' mgħax nominali medja għal żmien twil li ma taqbiżx b'aktar minn żewġ punti perċentwali dik, fl-aħħar mill-aħħar, tat-tliet Stati Membri li jmorru l-aħjar fl-istabbiltà tal-prezzijiet. Ir-rati ta' mgħax jitqiesu abbażi ta' titoli tal-gvern għal żmien twil jew obbligazzjonijiet komparabbli, meta jiġu kkunsidrati d-differenzi fid-definizzjonijiet nazzjonali".*

F'April 2022, il-valur referenzjarju tar-rata tal-imgħax ġie kkalkulat li huwa 2,6 %[11].

L-Artikolu 140(1) tat-TFUE jirrikjedi wkoll li r-rapporti jqisu **fatturi oħrajn** rilevanti għall-integrazzjoni u l-konverġenza ekonomika. Dawn jinkludu l-integrazzjoni tas-swieq, l-iżvilupp tal-bilanċi tal-pagamenti fil-kont kurrenti u tal-kostijiet ta' unità lavorattiva u indiċijiet oħrajn tal-prezzijiet[12]. Dawn tal-aħħar huma koperti fil-valutazzjoni tal-istabbiltà tal-prezzijiet. Il-fatturi addizzjonali li jridu jiġu kkunsidrati huma indikaturi importanti ta' jekk Stat Membru jintegrax fiż-żona tal-euro mingħajr diffikultajiet u jwessgħu l-opinjoni dwar is-sostenibbiltà tal-konverġenza.

Il-valutazzjoni tal-grad ta' konverġenza sostenibbli għall-Istati Membri b'deroga ppreżentata f'dan ir-rapport hija bbażata fuq il-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022 u l-gwida politika pprovduta fis-Semestru Ewropew. Tiġi bbażata b'mod partikolari fuq is-sorveljanza fiskali mwettqa skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. Din tirrifletti wkoll il-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni tar-riskji tas-sostenibbiltà fiskali u tal-oqfsa fiskali nazzjonali, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

## 2. IL-BULGARIJA

**Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ġuridika u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u filwaqt li tikkunsidra l-fatturi rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Bulgarija ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.**

**Il-leġiżlazzjoni fil-Bulgarija** – b'mod partikolari l-Liġi dwar il-Bank Nazzjonali Bulgaru – **ma hijiex għalkollox kompatibbli** mal-obbligu ta' konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE. Jeżistu inkompatibbiltajiet u imperfezzjonijiet fl-oqsma tal-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ fi żmien l-adozzjoni tal-euro fir-rigward tal-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 127(2) tat-TFUE u l-Artikolu 3 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE.

[11] Il-valur referenzjarju għal April 2022 huwa kkalkolat bħala l-medja sempliċi tal-medja ta' 12-il xahar tar-rati tal-imgħax fit-tul ta' Franza (0,3 %), tal-Finlandja (0,2 %) u tal-Greċja (1,4 %), biż-żieda ta' żewġ punti perċentwali.

[12] Madankollu, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li d-*data* dwar il-kostijiet ta' unità lavorattiva setgħet ġiet affettwata mill-iskemi taż-żamma tal-ħaddiema stabbiliti f'xi Stati Membri wara t-tifqigħa tal-pandemija.

**Il-Bulgarija ma tissodisfax il-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.** Ir-rata ta' inflazzjoni medja fil-Bulgarija matul it-12-il xahar sa April 2022 kienet ta' 5,9 %, ogħla mill-valur referenzjarju ta' 4,9 %. Il-Kummissjoni tipprojjetta li fix-xhur li ġejjin, din se tibqa' ogħla mill-valur referenzjarju.

*Graff 2a: il-***Bulgarija - Kriterju tal-inflazzjoni mill-2016**
(perċentwal, 12-il xahar medja mobbli)




Nota: Il-punti fit-tarf tal-lemin tal-graff juru il-valur ta' referenza pproġġettati u l-medja tar-rata tal-inflazzjoni ta' 12-il xahar tal-pajjiż f'Diċembru 2022.
Il-valuri ta' referenza tal-2016, 2018 u 2020 jirreferu għall-valuri ta' referenza kkalkulati fir-Rapporti ta' Konverġenza preċedenti.
Sors: Eurostat, Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-Rebbiegħa 2022.

Ir-rata annwali tal-inflazzjoni tal-HICP tal-Bulgarija kellha medja ta' 1,2 % fl-2020, u aċċellerat għal 2,8 % fl-2021. L-inflazzjoni annwali tal-HICP naqset minn 1,3 % f'April 2020 għal -0,3 % f'Jannar 2021. L-inflazzjoni ewlenija mbagħad żdiedet matul l-2021, qabel ma aċċellerat drastikament fl-ewwel xhur tal-2022, u laħqet it-12,1 % f'April 2022. Id-deflazzjoni fil-prezzijiet tal-ikel mhux ipproċessat u r-rati baxxi ta' inflazzjoni fil-prezzijiet tal-ikel ipproċessat naqqsu l-inflazzjoni minn April 2020 sa Jannar 2021. L-aċċellerazzjoni sussegwenti tal-inflazzjoni fl-2021 kienet dovuta għal kontribuzzjonijiet qawwija mill-kategoriji wesgħin kollha. B'mod partikolari, il-prezzijiet tal-fjuwil ikkontribwew 3,5 punti perċentwali għar-rata annwali tal-inflazzjoni f'Diċembru tal-2021. Fl-ewwel parti tal-2022, l-inflazzjoni nominali kompliet tiżdied minħabba prezzijiet ogħla tal-enerġija u żidiet oħrajn fil-prezzijiet ibbażati fuq firxa wiesgħa. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni tal-HICP fil-Bulgarija fl-2020 u fl-2021 bħala medja kienu ogħla minn dawk taż-żona tal-euro.

Fil-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022, l-inflazzjoni hija mistennija li taċċellera b'mod sinifikanti minn 2,8 % fl-2021 għal 11,9 % fl-2022 u tonqos gradwalment għal 5,0 % fl-2023. L-inflazzjoni nominali hija mistennija tiżdied u tibqa' għolja minħabba l-kostijiet ogħla b'mod persistenti tal-enerġija u ta' prodotti intermedji oħrajn, iż-żidiet mistennija fil-prezzijiet regolati tal-gass u tat-tisħin, kif ukoll prezzijiet internazzjonali ogħla tal-ikel u d-deflaturi tal-importazzjoni li qegħdin jiżdiedu. Il-livell relattivament baxx tal-prezzijiet fil-Bulgarija (madwar 52 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2020) huwa indikazzjoni ta' potenzjal sinifikanti għal konverġenza fil-livell tal-prezzijiet fit-tul.

**Il-Bulgarija tissodisfa l-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.** Il-Bulgarija ma hijiex is-suġġett ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Il-bilanċ tal-gvern estiż baqa' ġeneralment stabbli b'defiċit ta' 4,0 % tal-PDG fl-2020 u defiċit ta' 4,1 % tal-PDG fl-2021. Wara perjodu ta' surplus baġitarju, dawn id-defiċits huma r-riżultat tax-xokk ikkawżat mill-pandemija u mill-miżuri meħuda mill-gvern Bulgaru b'reazzjoni għaliha. Il-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022 tistenna li l-bilanċ tal-gvern estiż ikun ipprojjettat li jitjieb għal -3,7 % tal-PDG fl-2022. Il-kostijiet fiskali assoċjati ma' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna

kif ukoll miżuri fid-dawl ta' prezzijiet ogħla tal-enerġija jaffettwaw il-perkors ta' rkupru tad-defiċit. Id-defiċit huwa mistenni li jilħaq -2,4 % tal-PDG fl-2023 taħt suppożizzjoni ta' "ebda bidla fil-politika". Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni adottat rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-TFUE għal 18-il Stat Membru, inkluż il-Bulgarija. B'mod ġenerali, filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha kif xieraq, l-analiżi fir-rapport issuġġeriet li l-Bulgarija ma ssodisfatx il-kriterju tad-defiċit. F'konformità mal-Komunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Marzu 2022[13], il-Kummissjoni ma pproponitx li jinfetħu proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv. Hija nnotat li l-pandemija tal-COVID-19 jibqa' jkollha impatt makroekonomiku u fiskali straordinarju li, flimkien mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, toħloq inċertezza eċċezzjonali, inkluż għat-tfassil ta' perkors dettaljat għall-politika fiskali. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni qieset li deċiżjoni dwar jekk l-Istati Membri għandhomx jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv ma għandhiex tittieħed fir-rebbiegħa tal-2022. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku mal-PDG żdied minn ftit anqas minn 25 % fl-2020 għal 25,1 % fl-2021, u huwa mistenni li jibqa' bejn wieħed u ieħor l-istess fl-2022, qabel ma jiżdied bil-mod lejn 26 % fl-2023. Minkejja l-livell baxx ta' dejn mistenni sal-2032 (37 % tal-PDG), ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn għall-Bulgarija jidhru medji fit-terminu medju. Il-projezzjoni hija soġġetta għal inċertezza konsiderevoli. Il-Bulgarija żviluppat qafas fiskali b'saħħtu f'dawn l-aħħar snin, u issa għandha rekord aħjar ta' konformità. Madankollu, is-sistema tar-regoli, tidher kumplessa, u dan iżid il-ħtieġa li l-proċess jiġi ssimplifikat.

Graff 2b: il-Bulgarija - Bilanċ u dejn tal-baġit tal-Gvern
Skala invertita (f'perċentwal tal-PDG)




(*) Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022.
Sors: Eurostat, Servizzi tal-Kummissjoni.

**F'konformità mal-arranġament tal-bord tal-munita tiegħu, ir-rata tal-kambju tal-lev Bulgaru kontra l-euro baqgħet stabbli sa mir-Rapport ta' Konverġenza preċedenti.** Il-perjodu ta' sentejn rilevanti għall-valutazzjoni tal-istabbiltà tar-rata tal-kambju jestendi mid-19 ta' Mejju 2020 sat-18 ta' Mejju 2022. Il-lev Bulgaru ssieħeb fl-ERM II fl-10 ta' Lulju 2020 u josserva rata ċentrali ta' 1,95583 meta mqabbel mal-euro b'faxxa standard ta' fluttwazzjoni ta' ±15 %. Il-Bank Nazzjonali Bulgaru jsegwi l-objettiv primarju tiegħu ta' stabbiltà tal-prezzijiet permezz ta' rata tal-kambju ċentrali bħala parti minn arranġament tal-bord tal-valuta. Il-Bulgarija introduċiet l-arranġament tal-bord tal-valuta tagħha fl-1997, fejn rabtet il-lev Bulgaru mal-mark Ġermaniż u aktar tard mal-euro. Il-Bulgarija ssieħbet fl-ERM II bl-arranġament eżistenti tagħha tal-bord tal-valuta fis-seħħ, bħala impenn unilaterali, u b'hekk ma poġġiet l-ebda obbligu addizzjonali fuq il-BĊE. Ir-rata tal-kambju tal-lev baqgħet stabbli tul il-perjodu ta' valutazzjoni ta' sentejn mingħajr l-ebda sinjal ta'

[13] Għal aktar informazzjoni, ara COM(2022) 85 final: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/economy-finance/com_2022_85_1_en_act_en.pdf.

tensjoni jew żvalutar kontra l-euro. Indikaturi addizzjonali, bħal żviluppi fir-riżervi tal-muniti barranin, u rati tal-imgħax għal żmien qasir jindikaw li l-perċezzjoni tar-riskju tal-investituri fir-rigward tal-Bulgarija baqgħet favorevoli. Bafer imdaqqas ta' riżervi uffiċjali qed ikompli jsostni r-reżiljenza tal-arranġament tal-bord tal-valuta. Wara li ssieħbet fl-ERM II, il-Bulgarija impenjat ruħha li timplimenta sett ta' miżuri ta' politika, l-hekk imsejħa impenji ta' wara d-dħul, sabiex tiżgura li l-parteċipazzjoni tagħha fil-mekkaniżmu tkun sostenibbli u li l-pajjiż jikseb grad għoli ta' konverġenza ekonomika qabel ma adottat l-euro. Il-miżuri jkopru erba' oqsma ta' politika: is-settur finanzjarju mhux bankarju, il-qafas ta' insolvenza, il-qafas kontra l-ħasil tal-flus, u l-governanza tal-intrapriżi tal-istat. Il-Bulgarija bħalissa qed taħdem biex tlesti dawn l-impenji ta' wara d-dħul, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, li timmonitorja l-progress tagħha.

Il-lev baqa' bir-rata ċentrali tal-ERM II għas-sentejn koperti minn din il-valutazzjoni. Ma kien hemm l-ebda żvalutazzjoni tal-parità ċentrali tal-lev fl-ERM II. Sal-mument ta' Deċiżjoni possibbli tal-Kunsill f'Lulju tal-2022, il-lev se jkun ipparteċipa fl-ERM II għal 24 xahar. Il-Bulgarija tissodisfa l-kriterju tar-rata tal-kambju.

**Il-Bulgarija tissodisfa l-kriterju dwar il-konverġenza tar-rati tal-imgħax fit-tul.** Ir-rata medja tal-imgħax fit-tul fis-sena sa April 2022 kienet ta' 0,5 %, ferm inqas mill-valur ta' referenza ta' 2,6 %. Ir-rati tal-imgħax fit-tul fil-Bulgarija kienu baxxi ħafna u pjuttost stabbli mill-bidu tal-2020 sal-aħħar tal-2021, u baqgħu fi ħdan medda ta' 0,1 sa 0,4 %. Kien hemm biss massimu qasir f'Ġunju-Lulju 2020, meta r-rata tal-imgħax referenzjarja żdiedet għal 0,7 %. Fl-istess perjodu, il-firxa vis-à-vis il-bond ta' referenza Ġermaniż kienet l-aktar madwar 60 punt bażi, b'perjodu qasir fejn qabżet il-100 punt bażi f'nofs l-2020. Madankollu, fil-bidu tal-2022, kemm ir-rata tal-imgħax kif ukoll il-firxa bdew jiżdiedu, u kienu 1,6 % u 89 punt bażi rispettivament f'April 2022.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll **fatturi addizzjonali**, inkluż l-iżviluppi tal-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tas-swieq. Il-bilanċ estern tal-Bulgarija (il-kont kurrenti u kapitali kkombinati) baqa' f'surplus, b'1,5 % tal-PDG fl-2020 u 0,3 % fl-2021. L-ekonomija Bulgara hija integrata tajjeb fiż-żona tal-euro permezz tar-rabtiet tal-kummerċ u tal-investiment. Indikaturi magħżula relatati mal-ambjent tan-negozju juru li l-Bulgarija għandha prestazzjoni agħar minn ħafna Stati Membri taż-żona tal-euro. L-isfidi jirrigwardaw ukoll il-qafas istituzzjonali inklużi l-korruzzjoni u l-effiċjenza governattiva. Madankollu, fil-kuntest tal-parteċipazzjoni b'suċċess fl-ERM II u f'konformità mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP), il-Bulgarija qiegħda tieħu miżuri sabiex ittejjeb l-ambjent tan-negozju u żżomm l-istabbiltà tas-settur finanzjarju, fl-erba' oqsma koperti mill-impenji ta' wara d-dħul tal-ERM II imsemmija hawn fuq. Is-settur finanzjarju fil-Bulgarija huwa iżgħar u anqas żviluppat milli fiż-żona tal-euro, b'sehem ogħla mill-medja ta' self li ma jrendix li kien qiegħed jonqos biss gradwalment f'dawn l-aħħar diversi snin. Il-qasam bankarju jiddomina s-settur finanzjarju Bulgaru, u s-settur bankarju tagħha huwa integrat tajjeb mas-settur finanzjarju taż-żona tal-euro, b'mod partikolari permezz ta' livell għoli ta' sjieda barranija. Madankollu, il-finanzjament ibbażat fuq is-suq huwa anqas żviluppat, li huwa rifless fis-swieq żgħar ħafna għall-ekwità u d-dejn tas-settur privat. Fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tagħha għall-2022 li ma kienx meħtieġ li titwettaq analiżi fil-fond ulterjuri għall-Bulgarija.

L-implimentazzjoni effettiva tar-riformi u l-investiment stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Bulgarija se tindirizza sfidi makroekonomiċi ewlenin.

Dawn jinkludu l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-ħiliet, il-kura tas-saħħa, id-dekarbonizzazzjoni, it-tranżizzjoni diġitali, l-ambjent tan-negozju, u l-finanzjament ta' intrapriżi żgħar u medji. L-investimenti ewlenin huma inklużi fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, fil-ħżin tal-elettriku u fil-kapaċitajiet ta' interkonnessjoni, u fid-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tal-ħiliet diġitali. Ir-riformi ewlenin jinkludu l-introduzzjoni ta' qafas għat-tneħħija gradwali tal-faħam, il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku, riforma edukattiva komprensiva, u t-tisħiħ tal-iskema ta' introjtu minimu, l-oqfsa kontra l-ħasil tal-flus u l-insolvenza. Il-pjan fih ukoll miżuri sabiex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema tal-amministrazzjoni pubblika u tal-ġustizzja, sabiex tiġi evitata, identifikata u kkoreġuta l-korruzzjoni.

## 3. IĊ-ĊEKJA

**Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibilità ġuridika u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li ċ-Ċekja ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.**

**Il-leġiżlazzjoni fiċ-Ċekja** – b'mod partikolari l-Att Nru 6/1993 tal-Kunsill Nazzjonali Ċek dwar il-bank nazzjonali Ċek (il-Liġi ČNB) – **ma hijiex kompatibbli għalkollox** mal-obbligu ta' konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE. L-inkompatibbiltajiet jikkonċernaw l-indipendenza tal-bank ċentrali u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ fil-mument tal-adozzjoni tal-euro fir-rigward tal-objettivi taċ-Česká národní banka (ČNB) u l-kompiti tas-SEBĊ stabbiliti fl-Artikolu 127(2) tat-TFUE u l-Artikolu 3 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE. Barra minn hekk, il-Liġi dwar is-ČNB fiha wkoll imperfezzjonijiet relatati mal-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju u l-kompiti tas-SEBĊ.

**Iċ-Ċekja ma tissodisfax il-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.** Ir-rata ta' inflazzjoni medja fiċ-Ċekja matul it-12-il xahar sa April 2022 kienet 6,2 %, ferm ogħla mill-valur referenzjarju ta' 4,9 %. Huwa previst li fix-xhur li ġejjin se tibqa' ferm ogħla mill-valur referenzjarju.




Nota: Il-punti fit-tarf tal-lemin tal-graff juru il-valur ta' referenza pproġġettati u l-medja tar-rata tal-inflazzjoni ta' 12-il xahar tal-pajjiż f'Diċembru 2022.
Il-valuri ta' referenza tal-2016, 2018 u 2020 jirreferu għall-valuri ta' referenza kkalkulati fir-Rapporti ta' Konverġenza preċedenti.
Sors: Eurostat, Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-Rebbiegħa 2022.

Ir-rata annwali tal-inflazzjoni tal-HICP naqset minn 3,8 % fil-bidu tal-2020 għal 2,1 % fi Frar 2021 l-aktar minħabba tnaqqis fl-inflazzjoni tal-enerġija u tal-ikel. Imbagħad, l-inflazzjoni nominali żdiedet matul l-2021, qabel ma aċċellerat drastikament fl-ewwel xhur tal-2022 sabiex laħqet it-13,2 % f'April 2022. Iż-żieda

fl-2021 u fil-bidu tal-2022 kienet ibbażata fuq firxa wiesgħa, li tirrifletti kemm żieda fil-prezzijiet tal-enerġija kif ukoll aċċellerazzjoni qawwija tal-inflazzjoni nominali (xprunata minn prodotti u servizzi industrijali mhux tal-enerġija). Ir-rata annwali tal-inflazzjoni tal-HICP kellha medja ta' 3,3 % kemm fl-2020 kif ukoll fl-2021. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni tal-HICP fiċ-Ċekja fl-2020 u fl-2021 bħala medja kienu ogħla minn dawk taż-żona tal-euro.

Il-Previżjoni Ekonomika tar-Rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni tistenna li l-inflazzjoni taċċellera b'mod sinifikanti għal 11,7 % fl-2022 u mbagħad timmodera għal 4,5 % fl-2023. L-inflazzjoni nominali hija mistennija li tiżdied u tibqa' għolja matul is-sentejn minħabba l-kostijiet ogħla persistenti tal-enerġija u prodotti intermedji oħrajn, iż-żidiet mistennija fil-prezzijiet amministrati għall-enerġija u għal utilitajiet oħrajn, u l-komponenti ewlenin tal-inflazzjoni, speċjalment il-prodotti segwiti mis-servizzi. Il-livell relattivament baxx tal-prezzijiet fiċ-Ċekja (madwar 73 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2020) jissuġġerixxi li hemm potenzjal għal konverġenza ulterjuri fil-livell tal-prezzijiet fit-tul.

**Iċ-Ċekja tissodisfa l-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.** Iċ-Ċekja ma hijiex is-suġġett ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Il-bilanċ tal-gvern estiż mar ftit għall-agħar minn defiċit ta' 5,8 % fl-2020 għal defiċit ta' 5,9 % tal-PDG fl-2021. Il-Previżjoni Ekonomika tar-Rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni tistenna li l-bilanċ tal-gvern estiż jitjieb għal -4,3 % tal-PGD fl-2022, minkejja l-impatt negattiv tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Dan wassal għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza u ta' integrazzjoni biex jiġu appoġġati dawk li jkunu qed jaħarbu mill-Ukrajna kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' miżuri biex jittaffew l-ispejjeż tal-enerġija. Il-bilanċ tal-gvern estiż huwa mbassar li jilħaq -3,9 % tal-PDG fl-2023 taħt suppożizzjoni ta' "l-ebda bidla fil-politika". Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni adottat rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-TFUE għal 18-il Stat Membru, inkluż iċ-Ċekja. B'mod ġenerali, filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha kif xieraq, l-analiżi fir-rapport issuġġeriet li ċ-Ċekja ma ssodisfatx il-kriterju tad-defiċit. F'konformità mal-Komunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Marzu 2022[14], il-Kummissjoni ma pproponitx li jinfetħu proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv. Hija nnotat li l-pandemija tal-COVID-19 għad għandha impatt makroekonomiku u fiskali straordinarju li, flimkien mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, joħloq inċertezza eċċezzjonali, inkluż għat-tfassil ta' perkors dettaljat għall-politika fiskali. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni qieset li deċiżjoni dwar jekk l-Istati Membri għandhomx jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv ma għandhiex tittieħed fir-rebbiegħa tal-2022. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku mal-PDG żdied minn madwar 38 % fl-2020 għal 41,9 % fl-2021, u huwa mistenni li jiżdied għal 42,8 % fl-2022 u għal 44,0 % fl-2023. Ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn għaċ-Ċekja jidhru medji fit-terminu medju, b'mod partikolari peress li d-dejn tal-gvern huwa mistenni li jiżdied għal madwar 61 % tal-PDG fl-2032. Il-projezzjoni hija soġġetta għal sensittività sinifikanti għal żviluppi makrofinanzjarji negattivi. Il-qafas fiskali nazzjonali Ċek huwa żviluppat tajjeb. Wara t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, il-Parlament għadda emendi leġiżlattivi rapidi li jippermettu defiċit akbar matul l-2021 sal-2027 u perkors ta' aġġustament itwal (korrezzjoni b'0,5 punti perċentwali fis-sena, f'termini strutturali).

[14] Għal aktar informazzjoni, ara COM(2022) 85 final: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/economy-finance/com_2022_85_1_en_act_en.pdf.




*Graff 3b:* **iċ-Ċekja - Bilanċ u dejn tal-baġit tal-Gvern**

(*) Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022.
Sors: Eurostat, Servizzi tal-Kummissjoni.

**Iċ-Ċekja ma tissodisfax il-kriterju tar-rata tal-kambju.** Il-koruna Ċeka ma tipparteċipax fl-ERM II. Iċ-Ċekja topera sistema ta' rata tal-kambju varjabbli *de jure*, li tippermetti lill-bank ċentrali jagħmel interventi fis-suq tal-kambju. Wara l-miżuri tal-lockdown meħuda fl-istadji bikrija tal-pandemija tal-COVID-19, il-krona ddeprezzat b'mod sinifikanti b'madwar 6 % f'April 2020 (sena wara sena). Minn Ġunju 2020, din varjat b'livelli kemxejn ogħla sa Diċembru 2020, meta daħlet f'fażi ta' apprezzament li ntemmet f'daqqa fil-bidu tal-2022. L-apprezzament kien xprunat l-aktar minn issikkar monetarju qawwi miċ-ČNB. Madankollu, wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-krona Ċeka esperjenzat pressjonijiet qawwija ta' deprezzament, li wasslu għal interventi ta' stabbilizzazzjoni qosra miċ-ČNB fis-suq tal-muniti barranin fil-bidu ta' Marzu 2022. F'April 2022, il-krona Ċeka kienet madwar 12 % aktar b'saħħitha kontra l-euro milli kienet sentejn qabel. Id-differenzi fir-rati tal-imgħax fuq perjodu ta' żmien qasir vis-à-vis iż-żona tal-euro żdiedu minn madwar 90 punt bażi f'Mejju tal-2021 għal madwar 580 punt bażi sa April tal-2022, wara ċ-ċiklu ta' ssikkar qawwi li ċ-ČNB beda f'Awwissu tal-2021.

**Iċ-Ċekja tissodisfa l-kriterju dwar il-konverġenza tar-rati tal-imgħax fit-tul.** Ir-rata medja tal-imgħax fit-tul fis-sena sa April 2022 kienet ta' 2,5 %, taħt il-valur ta' referenza ta' 2,6 %. Ir-rata tal-imgħax fit-tul taċ-Ċekja naqset fl-ewwel ftit xhur tal-2020 u laħqet l-anqas rata ta' madwar 0,9 % fis-sajf tal-2020. Imbagħad żdiedet bil-mod għal madwar 1,9 % fir-rebbiegħa tal-2021 qabel ma żdiedet b'mod aktar qawwi minħabba l-issikkar monetarju qawwi taċ-ČNB u żieda rapida fl-inflazzjoni. Ir-rata tal-imgħax fit-tul laħqet l-4,0 % f'April 2022, bil-firxa vis-à-vis il-bond ta' referenza Ġermaniż kważi tilħaq it-330 punt bażi.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll **fatturi addizzjonali**, inkluż l-iżviluppi tal-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tas-swieq. Il-bilanċ estern taċ-Ċekja (il-kont kurrenti u kapitali kkombinati) irreġistra surplus eċċezzjonalment għoli ta' 3,6 % tal-PDG fl-2020 minħabba l-effett tal-kriżi tal-COVID-19 fuq il-bilanċi kummerċjali u tad-dħul primarju. L-ekonomija Ċeka hija integrata ħafna fiż-żona tal-euro permezz ta' rabtiet tal-kummerċ u tal-investiment. Indikaturi magħżula relatati mal-ambjent tan-negozju juru li ċ-Ċekja għandha prestazzjoni li hija madwar il-medja tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. L-isfidi għandhom x'jaqsmu mal-qafas istituzzjonali inkluż l-effiċjenza tal-gvern u l-qafas kontra l-korruzzjoni, pereżempju fir-rigward tal-evitar ta' kunflitti ta' interess. Is-settur finanzjarju fiċ-Ċekja huwa iżgħar u anqas żviluppat milli fiż-żona tal-euro. Il-finanzjament ibbażat fuq is-suq huwa anqas żviluppat, u dan huwa rifless fis-swieq żgħar ħafna għall-ekwità u d-dejn tas-settur privat. Is-

settur finanzjarju Ċek huwa integrat ħafna fis-settur finanzjarju taż-żona tal-euro, l-aktar permezz ta' grad għoli ta' sjieda barranija ta' intermedjarji finanzjarji.

L-implimentazzjoni effettiva tar-riformi u l-investiment stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) taċ-Ċekja se tindirizza sfidi makroekonomiċi ewlenin. Dawn jinkludu bidliet teknoloġiċi, bħal dawk maħluqa mill-awtomazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika, investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, faċilitajiet ġodda għall-kura tat-tfal, u azzjonijiet ta' titjib fil-ħiliet u taħriġ mill-ġdid. Investimenti ewlenin huma inklużi fl-effiċjenza enerġetika tal-bini, fil-ħiliet diġitali u fl-aċċess għall-finanzjament għall-kumpaniji. Ir-riformi ewlenin huma mmirati biex jindirizzaw il-kwalità tal-amministrazzjoni pubblika (inkluż id-diġitalizzazzjoni), iżidu l-kapaċità tal-faċilitajiet tal-indukrar tat-tfal, itejbu l-aċċess għas-settur tal-kura tas-saħħa u r-reżiljenza tiegħu, itejbu l-programmi edukattivi, itejbu s-servizzi tas-suq tax-xogħol, jappoġġaw attivitajiet ta' riċerka u l-introduzzjoni ta' innovazzjoni fid-ditti. L-ambjent tan-negozju qed jitjieb b'diversi miżuri ta' gvern elettroniku, riformi kontra l-korruzzjoni, inkluż it-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali u amministrattiv marbut mal-evitar tal-kunflitt ta' interess u riforma komprensiva tal-proċedura għall-għoti tal-permessi tal-bini, li bħalissa jirrappreżentaw ostakli kbar għall-investiment fiċ-Ċekja.

## 4. IL-KROAZJA

**Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ġuridika u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u filwaqt li qieset il-fatturi addizzjonali rilevanti, il-Kummissjoni tqis li l-Kroazja tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.**

**Il-leġiżlazzjoni fil-Kroazja hija kompatibbli għalkollox** mal-obbligu ta' konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE.

**Il-Kroazja tissodisfa l-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.** Ir-rata ta' inflazzjoni medja fil-Kroazja matul it-12-il xahar sa April 2022 kienet 4,7 %, taħt il-valur referenzjarju ta' 4,9 %. Huwa pprojjettat li fix-xhur li ġejjin din se tibqa' anqas mill-valur referenzjarju.

Fl-2021, ir-rata annwali tal-inflazzjoni tal-HICP kellha medja ta' 2,7 %, u żdiedet b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-2020, meta kellha medja ta' 0 %. L-inflazzjoni kienet kemxejn negattiva fil-Kroazja bejn April 2020 u Jannar 2021, l-aktar minħabba inflazzjoni baxxa ħafna u negattiva fl-enerġija u fil-prodotti industrijali mhux tal-enerġija. Imbagħad aċċellerat drastikament matul l-2021 u fl-ewwel xhur tal-2022 sabiex tilħaq 9,6 % f'April. Iż-żieda fl-2021 u fil-bidu tal-2022 kienet ibbażata fuq firxa wiesgħa, li tirrifletti prezzijiet ogħla tal-enerġija iżda wkoll aċċellerazzjoni tal-inflazzjoni nominali. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni tal-HICP fil-Kroazja fl-2020 u fl-2021 kienu bħala medja qrib ħafna ta' dawk taż-żona tal-euro.

Il-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022 tistenna li l-inflazzjoni annwali tal-HICP taċċellera għal 6,1 % fl-2022 qabel ma tonqos għal 2,8 % fl-2023, l-aktar appoġġata minn tnaqqis mistenni fil-prezzijiet internazzjonali tal-komoditajiet. Għalhekk, l-inflazzjoni ewlenija hija pprojjetata li tibqa' qrib ħafna tal-inflazzjoni nominali taż-żona tal-euro fl-2022 u fl-2023. Ir-rata ewlenija tal-inflazzjoni hija mistennija li tkun ogħla milli fiż-żona tal-euro fl-2022 (jiġifieri, 4,3 % vs 3,5 %), li tirrifletti l-irkupru aktar b'saħħtu mill-kriżi tal-COVID-19 fil-Kroazja, iżda din hija mistennija li tkun temporanja, peress li d-distakk huwa

mistenni li jonqos fl-2023 (jiġifieri, 3,3 % vs 3,1 %). Il-kostijiet ta' unità lavorattiva huma mistennija li jibqgħu mrażżna kemm fl-2022 kif ukoll fl-2023.

Ir-rekwiżit ta' sostenibbiltà jimplika li r-rispett tal-valur referenzjarju huwa r-riżultat ta' fatturi fundamentali sottostanti aktar milli ta' fatturi temporanji. L-analiżi tal-fatturi fundamentali sottostanti u l-fatt li l-valur referenzjarju se jkompli jiġi ssodisfat fix-xhur li ġejjin jappoġġaw valutazzjoni pożittiva dwar l-issodisfar tal-kriterju tal-istabbiltà tal-prezzijiet. Filwaqt li l-investimenti u r-riformi relatati mal-RRP huma mistennija li jkollhom effett kajman jekk mhux ta' diżinflazzjoni fuq il-perjodu twil, l-investimenti għandhom jappoġġaw ukoll id-domanda aggregata fuq terminu qasir (ara l-paragrafu li jmiss). Skont il-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022, l-inflazzjoni hija pprojettata li tonqos b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' previżjoni, li jissuġġerixxi li kwalunkwe effett inflazzjonarju possibbli fuq perjodu qasir tal-investimenti relatati mal-RRP għandu jibqa' limitat.

Fuq perjodu ta' żmien fit-tul, il-prospetti tal-inflazzjoni se jkunu bbażati b'mod partikolari fuq iż-żieda fil-pagi f'konformità mal-produttività. Iċ-ċikli tal-inflazzjoni fil-Kroazja diġà huma sinkronizzati ħafna maċ-ċiklu tal-inflazzjoni taż-żona tal-euro u l-iżviluppi fil-pagi huma mistennija jkomplu jsostnu din is-sinkronizzazzjoni. Madankollu, għalkemm ir-riformi tas-suq tax-xogħol tal-2013 u l-2014 żiedu sostanzjalment il-livell ta' flessibbiltà fis-suq tax-xogħol, l-iffissar tal-pagi għadu allinjat b'mod imperfett mal-iżviluppi tal-produttività. Dan huwa parzjalment marbut mar-rwol tas-settur pubbliku bħala mexxej tal-pagi. Ir-riskji assoċjati f'termini ta' żviluppi fil-pagi ma humiex mistennija li jiżdiedu bl-adeżjoni fl-euro. Barra minn hekk, ir-riformi relatati mal-RRP (eż., it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tal-imposti parafiskali, id-deregolamentazzjoni tas-servizzi eċċ.) għandhom itejbu l-kompetizzjoni fis-suq u jnaqqsu l-kostijiet għall-kumpaniji, u dan iġib miegħu pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-prodotti finali fit-tul. B'mod partikolari, żewġ riformi jistgħu jikkontribwixxu għal allinjament aħjar tal-pagi tal-produttività fit-terminu medju. L-ewwel waħda hija l-mudell il-ġdid tal-pagi u tax-xogħol fis-servizz ċivili u pubbliku, li għandu jintroduċi sistema tal-pagi aktar ġusta, aktar trasparenti u sostenibbli fl-amministrazzjoni tal-Istat u fis-servizzi pubbliċi. It-tieni waħda hija l-Emenda għall-Att dwar ix-Xogħol, l-indirizzar ta' impjieg temporanju mhux ġustifikat u l-inċentivar tal-ħaddiema sabiex jibqgħu attivi, fost l-oħrajn. Barra minn hekk, għalkemm hemm potenzjal għal konverġenza ulterjuri fil-livell tal-prezzijiet, ta' min jinnota li f'madwar 67 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2020, il-livell tal-prezzijiet fil-Kroazja diġà kiseb livell ogħla ta' konverġenza tal-prezzijiet maż-żona tal-euro minn Stati Membri oħrajn meta ssieħbu fiż-żona tal-euro.

*Graff 4a:* **il-Kroazja - Kriterju tal-inflazzjoni mill-2016**
(perċentwal, 12-il xahar medja mobbli)




Nota: Il-punti fit-tarf tal-lemin tal-graff juru il-valur ta' referenza pproġġettati u l-medja tar-rata tal-inflazzjoni ta' 12-il xahar tal-pajjiż f'Diċembru 2022.
Il-valuri ta' referenza tal-2016, 2018 u 2020 jirreferu għall-valuri ta' referenza kkalkulati fir-Rapporti ta' Konverġenza preċedenti.
Sors: Eurostat, Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-Rebbiegħa 2022.

**Il-Kroazja tissodisfa l-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.** Il-Kroazja ma hijiex is-suġġett ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Wara tliet snin ta' baġits ibbalanċjati b'mod wiesa' u surplus, il-bilanċ tal-gvern estiż inbidel f'defiċit ta' 7,3 % tal-PDG fl-2020 minħabba l-kriżi tal-COVID-19. Id-defiċit tal-gvern estiż naqas għal 2,9 % tal-PDG fl-2021, l-aktar bis-saħħa tal-irkupru ekonomiku qawwi u t-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' appoġġ tal-COVID-19. Il-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022 tipprojjetta li l-bilanċ tal-gvern estiż ikompli jitjieb għal -2,3 % tal-PDG fl-2022, minkejja l-miżuri meħuda mill-gvern sabiex jitnaqqas l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-kostijiet tal-assistenza għal dawk li jaħarbu mill-Ukrajna. Fl-2023, il-bilanċ tal-gvern għandu jilħaq -1,8 % tal-PDG abbażi ta' ebda bidla fil-politika. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku mal-PDG naqas minn madwar 87 % fl-2020 għal 79,8 % fl-2021, u huwa mistenni li jonqos għal 75,3 % fl-2022 u għal 73,1 % fl-2023. Ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn għall-Kroazja jidhru medji fit-terminu medju, bid-dejn tal-gvern mistenni li jibqa' anqas mil-livell tiegħu tal-2021 sal-2032. Madankollu, il-projezzjonijiet huma soġġetti għal sensittività sinifikanti għal żviluppi makrofinanzjarji negattivi. Il-qafas fiskali Kroat issaħħaħ b'mod sinifikanti dan l-aħħar, l-aktar bis-saħħa tat-traspożizzjoni ta' xi wħud mir-rekwiżiti pendenti tad-Direttiva tal-Kunsill dwar Oqfsa Baġitarji (2011/85/UE).

*Graff 4b:* **il-Kroazja - Bilanċ u dejn tal-baġit tal-Gvern**
*Skala invertita*
(f'perċentwal tal-PDG)




(*) Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022.
Sors: Eurostat, Servizzi tal-Kummissjoni.

**Ir-rata tal-kambju tal-kuna Kroata kontra l-euro kienet ġeneralment stabbli mir-Rapport ta' Konverġenza preċedenti.** Il-perjodu ta' sentejn rilevanti għall-

valutazzjoni tal-istabbiltà tar-rata tal-kambju jibda mid-19 ta' Mejju 2020 u jispiċċa fit-18 ta' Mejju 2022. Il-kuna Kroata ssieħbet fl-ERM II fl-10 ta' Lulju 2020 u tosserva rata ċentrali ta' 7,53450 għall-euro b'faxxa standard ta' flutwazzjoni ta' ±15 %. Wara li ddeprezzat kontra l-euro b'sa 2 % fl-ewwel xahrejn tal-pandemija f'Marzu u f'April tal-2020, ir-rata tal-kambju tal-kuna-euro fix-xahrejn qabel id-dħul tal-Kroazja fl-ERM II kienet stabbli b'devjazzjonijiet minuri biss mir-rata ċentrali tad-dħul ta' wara l-ERM II. Il-kuna varjat f'medda dejqa ta' inqas minn +/-1 % kontra r-rata ċentrali tagħha għall-euro minn meta ssieħbet fl-ERM II, bil-bank ċentrali Kroat jopera rata tal-kambju varjabbli ġestita *de jure* qabel id-dħul fl-ERM II. Matul l-aħħar sentejn, ir-rata tal-kambju tal-kuna kontra l-euro kompliet turi xejra staġunali ta' apprezzament modest temporanju fis-sajf grazzi għall-influssi ta' munita barranija relatati mas-settur tat-turiżmu. Fit-18 ta' Mejju 2022, il-kuna kienet 7,535 HRK/EUR, qrib ħafna tar-rata ċentrali tal-ERM II tagħha għall-euro u kienet ġeneralment stabbli meta mqabbla mal-livell tagħha sentejn qabel. Indikaturi addizzjonali, bħal żviluppi fir-riżervi tal-muniti barranin u rati tal-imgħax għal żmien qasir jindikaw li l-perċezzjoni tar-riskju tal-investituri fir-rigward tal-Kroazja baqgħet favorevoli. Ir-riżervi internazzjonali miżmuma mill-Bank Ċentrali Kroat kienu EUR 25 biljun fl-aħħar tal-2021, li żdiedu minn kważi EUR 19-il biljun fl-aħħar tal-2020. Il-firxa tar-rata referenzjarja Kroata għal perjodu ta' żmien qasir, jiġifieri r-rata ta' NRR ta' tliet xhur, għall-EURIBOR kienet ġeneralment stabbli u kellha medja ta' madwar 60 punt bażi matul il-perjodu ta' bejn l-2020 u l-2021. Mad-dħul tagħha fl-ERM II, il-Kroazja impenjat ruħha li timplimenta sett ta' miżuri ta' politika, l-hekk imsejħa impenji ta' wara d-dħul, sabiex tiżgura li l-parteċipazzjoni tagħha fil-mekkaniżmu tkun sostenibbli u li l-pajjiż jikseb grad għoli ta' konverġenza ekonomika qabel l-adozzjoni tal-euro. Il-miżuri jkopru erba' oqsma ta' politika: il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, l-ambjent tan-negozju, intrapriżi tal-istat u l-qafas ta' insolvenza.

Il-kuna baqgħet qrib ħafna tar-rata ċentrali tal-ERM II għas-sentejn koperti minn din il-valutazzjoni. Ma kien hemm l-ebda devalwazzjoni tal-parità ċentrali tal-kuna fl-ERM II. Sal-mument ta' Deċiżjoni tal-Kunsill possibbli f'Lulju tal-2022, il-kuna se tkun ipparteċipat fl-ERM II għal 24 xahar. Il-Kroazja tissodisfa l-kriterju tar-rata tal-kambju.

**Il-Kroazja tissodisfa l-kriterju dwar il-konverġenza tar-rati tal-imgħax fit-tul.** Ir-rata medja tal-imgħax fit-tul tal-Kroazja kienet 0,8 % f'April 2022, ferm anqas mill-valur referenzjarju ta' 2,6 %. Wara li żdiedet fl-ewwel xahrejn tal-pandemija b'aktar minn 60 punt bażi għal 1,2 % f'April 2020, ir-rata tal-imgħax fit-tul naqset gradwalment ħafna, u naqset għal sa 0,3 % sa tmiem l-2021. Ir-rata tal-imgħax fit-tul żdiedet bi ftit f'Diċembru 2021 u żdiedet aktar fl-ewwel xhur tal-2022 fost iż-żieda fir-riskji ġeopolitiċi fil-livell globali u deterjorament fil-perspettiva tal-inflazzjoni fi sfond ta' livell diġà għoli ta' inflazzjoni fil-biċċa l-kbira tal-ekonomiji avvanzati. Il-firxa kontra l-bond ta' referenza Ġermaniż fit-tul kienet ftit ogħla minn 100 punt bażi fl-2020 iżda naqset gradwalment fl-2021, u naqset għal madwar 50 punt bażi sal-aħħar tal-2021. Din reġgħet twessgħet għal aktar minn 100 punt bażi fil-bidu tal-2021, u telgħet għal 168 punt bażi f'April 2022 wara li laħqet il-quċċata b'180 punt bażi fix-xahar ta' qabel.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll **fatturi addizzjonali**, inkluż l-iżviluppi tal-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tas-swieq. Il-bilanċ estern tal-Kroazja (il-kont kurrenti u kapitali kkombinati) naqas għal 2,1 % tal-PDG fl-2020 minn 4,6 % tal-PDG fl-2019 minħabba l-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19. Filwaqt li

bbenefika minn surplus għoli fil-kont kurrenti bħala riżultat ta' rkupru b'saħħtu tas-servizzi tal-esportazzjoni tat-turiżmu, dan żdied b'mod sostanzjali għal 5,5 % tal-PDG fl-2021. L-ekonomija Kroata hija integrata tajjeb fiż-żona tal-euro permezz tar-rabtiet tal-kummerċ u tal-investiment. Indikaturi magħżula relatati mal-ambjent tan-negozju juru li l-Kroazja għandha prestazzjoni agħar minn dik ta' ħafna Stati Membri taż-żona tal-euro. L-isfidi *inter alia* huma relatati mal-qafas istituzzjonali inkluż il-kwalità regolatorja u l-korruzzjoni. Madankollu, kien hemm sforz imġedded bħala parti mill-impenji tal-ERM II ta' wara d-dħul sabiex jittejjeb l-ambjent tan-negozju, b'mod partikolari sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jitnaqqsu r-restrizzjonijiet regolatorji (ara wkoll taħt il-paragrafu dwar il-miżuri relatati mal-RRP). Is-settur bankarju tal-Kroazja huwa integrat ħafna mas-sistema finanzjarja taż-żona tal-euro, l-aktar permezz ta' sehem għoli ta' sjieda barranija ta' intermedjarji finanzjarji. F'Lulju 2020, il-BĊE adotta deċiżjoni biex jistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib mal-Bank Nazzjonali Kroat fil-qasam tas-superviżjoni bankarja. Il-BĊE issa huwa responsabbli għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet bankarji ewlenin tal-Kroazja u l-Kroazja effettivament issieħbet fl-Unjoni Bankarja. Is-settur finanzjarju Kroat huwa iżgħar minn dak taż-żona tal-euro f'termini ta' PDG. Huwa ddominat mis-settur bankarju li huwa integrat ħafna fis-settur bankarju taż-żona tal-euro, b'mod partikolari permezz ta' sjieda barranija. Fl-istess ħin, is-settur tal-fondi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet huwa wkoll relattivament kbir fil-Kroazja. Madankollu, il-finanzjament ibbażat fuq is-suq huwa anqas żviluppat, u dan huwa rifless fis-swieq żgħar ħafna għall-ekwità u d-dejn tas-settur privat. Fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija għall-2022 li l-Kroazja ġġustifikat Rieżami fil-Fond (IDR). Fit-tabella ta' valutazzjoni aġġornata li tinkludi ċ-ċifri sal-2020, il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN), it-tkabbir tal-kost ta' unità lavorattiva (KUL), it-tkabbir tal-prezzijiet tad-djar u l-indikaturi tad-dejn gross tal-gvern estiż kienu ogħla mil-livelli limitu indikattivi tagħhom. Madankollu, is-sejbiet tar-Rieżami fil-Fond tal-Kummissjoni (IDR) tal-2022 jindikaw li l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi kompliet fl-2021, wara deterjorament relattivament imrażżan fl-2020. Abbażi ta' dan ir-rieżami fil-fond, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-Kroazja ma għadhiex tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi.

L-implimentazzjoni effettiva tar-riformi u l-investiment stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Kroazja se jindirizzaw sfidi makroekonomiċi u istituzzjonali ewlenin. Dawn jinkludu rati baxxi ta' impjieg u ta' attività, diskrepanzi fil-ħiliet, ambjent tan-negozju impenjattiv u kumpless u l-kwalità baxxa tal-edukazzjoni. L-investimenti ewlenin huma inklużi fl-effiċjenza enerġetika u fir-rikostruzzjoni tal-bini wara t-terremoti, fit-trasport sostenibbli, fit-tranżizzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika u l-infrastruttura tal-5G. Hemm riformi ppjanati f'oqsma bħall-edukazzjoni u l-indukrar kura bikrin tat-tfal, is-sistema tal-kura tas-saħħa, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-korruzzjoni, il-ġudikatura, il-qafas fiskali u l-ambjent tan-negozju, b'mod partikolari billi jitnaqqsu l-ostakli amministrattivi.

## 5. L-UNGERIJA

**Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ġuridika u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-Ungerija ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.**

**Il-leġiżlazzjoni fl-Ungerija** – b'mod partikolari l-Liġi dwar il-Magyar Nemzeti Bank (MNB) - **ma hijiex kompatibbli għalkollox** mal-obbligu ta' konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE. Inkompatibbiltajiet notevoli jikkonċernaw l-indipendenza tal-MNB, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ fi żmien l-adozzjoni tal-euro fir-rigward tal-kompiti tas-SEBĊ stabbiliti fl-Artikolu 127(2) tat-TFUE u l-Artikolu 3 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE. Barra minn hekk, il-Liġi dwar l-MNB fiha wkoll imperfezzjonijiet ulterjuri relatati mal-integrazzjoni tal-MNB fis-SEBĊ.

**L-Ungerija ma tissodisfax il-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.** Ir-rata ta' inflazzjoni medja fl-Ungerija matul it-12-il xahar sa April 2022 kienet 6,8 %, ferm ogħla mill-valur referenzjarju ta' 4,9 %. Huwa previst li fix-xhur li ġejjin se tibqa' ferm ogħla mill-valur referenzjarju.

*Graff 5a:* **l-Ungerija - Kriterju tal-inflazzjoni mill-2016**
(perċentwal, 12-il xahar medja mobbli)




Nota: Il-punti fit-tarf tal-lemin tal-graff juru il-valur ta' referenza pproġġettati u l-medja tar-rata tal-inflazzjoni ta' 12-il xahar tal-pajjiż f'Diċembru 2022.
Il-valuri ta' referenza tal-2016, 2018 u 2020 jirreferu għall-valuri ta' referenza kkalkulati fir-Rapporti ta' Konverġenza preċedenti.
Sors: Eurostat, Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-Rebbiegħa 2022.

L-inflazzjoni annwali tal-HICP fl-Ungerija kienet qiegħda tiżdied fl-2020 u fl-2021, u kellha medja ta' 3,4 % u 5,2 % rispettivament. L-inflazzjoni annwali tal-HICP żdiedet minn 2,5 % f'April 2020 għal 5,2 % f'April 2021. Imbagħad aċċellerat ulterjorment fl-ewwel ftit xhur tal-2022, u laħqet it-8,6 % f'Marzu tal-2022. L-aċċellerazzjoni tal-inflazzjoni fl-2021 kienet xprunata l-aktar mill-iżviluppi fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-komoditajiet. Madankollu, l-inflazzjoni bażi (imkejla bħala inflazzjoni tal-HICP minbarra l-enerġija u l-ikel li ma huwiex ipproċessat), żdiedet f'daqqa, wara li naqset bi ftit bejn Awwissu tal-2020 u Marzu tal-2021. L-inflazzjoni kienet 9,6 % f'April tal-2022. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni tal-HICP fl-Ungerija fl-2020 u fl-2021 bħala medja kienu ogħla minn dawk taż-żona tal-euro.

L-inflazzjoni hija mistennija li tonqos għal 9,0 % fl-2022 u li tonqos għal 4,1 % fl-2023 skont il-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022. L-inflazzjoni hija mistennija li tkun xprunata l-aktar mill-prezzijiet tal-enerġija u tal-komoditajiet iżda wkoll minn żidiet relattivament imdaqqsa fil-pagi. Il-livell relattivament baxx tal-prezzijiet fl-Ungerija (madwar 63 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2020) jissuġġerixxi li hemm potenzjal għal aktar konverġenza fil-livell tal-prezzijiet fit-tul.

**L-Ungerija tissodisfa l-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.** L-Ungerija ma hijiex is-suġġett ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Id-defiċit ġenerali tal-gvern laħaq is-7,8 % tal-PDG fl-2020, qabel ma naqas għal 6,8 % tal-PDG fl-2021. Il-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022 tistenna

li, minħabba tkabbir tal-output aħjar milli mistenni, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 6,0 % tal-PDG fl-2022, minkejja l-miżuri meħuda mill-gvern sabiex jitnaqqas l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-kostijiet tal-assistenza umanitarja għal dawk li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Huwa previst li jkompli jonqos għal 4,9 % tal-PDG fl-2023, taħt suppożizzjoni ta' "ebda bidla fil-politika". Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni adottat rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-TFUE għal 18-il Stat Membru, inkluż l-Ungerija. B'mod ġenerali, filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha kif xieraq, l-analiżi fir-rapport issuġġeriet li l-Ungerija ma ssodisfatx l-kriterji tad-defiċit u tad-dejn. F'konformità mal-Komunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Marzu 2022[15], il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv. Il-Kummissjoni qieset, fil-valutazzjoni tagħha tal-fatturi rilevanti kollha, li l-konformità mal-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn tkun timplika sforz fiskali frontloaded impenjattiv wisq li jirriskja li jipperikola t-tkabbir. Għalhekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, il-konformità mal-parametru referenzjarju għat-tnaqqis tad-dejn ma hijiex iġġustifikata taħt il-kundizzjonijiet ekonomiċi eċċezzjonali attwali. Il-Kummissjoni nnotat li l-pandemija tal-COVID-19 jibqa' jkollha impatt makroekonomiku u fiskali straordinarju li, flimkien mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, toħloq inċertezza eċċezzjonali, inkluż għat-tfassil ta' perkors dettaljat għall-politika fiskali. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni qieset li deċiżjoni dwar jekk l-Istati Membri għandhomx jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv ma għandhiex tittieħed fir-rebbiegħa tal-2022. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku mal-PDG naqas minn madwar 80 % fl-2020 għal 76,8 % fl-2021 u huwa previst li jiżdied għal 76,4 % fl-2022 u jonqos għal 76,1 % fl-2023. Ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn għall-Ungerija jidhru medji fit-terminu medju. Il-projezzjoni hija soġġetta għal inċertezza partikolarment kbira u sensittiva għal żviluppi makrofinanzjarji negattivi.  Il-qafas fiskali Ungeriż tjieb permezz ta' riformi li bdew fl-2011, iżda għad hemm lok għal titjib. Ir-rwol tal-Kunsill Fiskali fit-tfassil tal-politika fiskali jista' jissaħħaħ u l-volatilità tal-qafas ta' terminu medju xorta tista' titnaqqas.

*Graff 5b:* **l-Ungerija - Bilanċ u dejn tal-baġit tal-Gvern**




(*) Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022.
Sors: Eurostat, Servizzi tal-Kummissjoni.

**L-Ungerija ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju.** Il-forint Ungeriż ma jipparteċipax fl-ERM II. L-Ungerija topera reġim *de jure* ta' rata tal-kambju varjabbli, li jippermetti interventi fis-suq tal-muniti barranin mill-bank ċentrali. B'mod ġenerali, il-forint iddeprezza kontra l-euro matul il-perjodu kopert mir-rapport, u dan irriżulta minn deprezzament oxxillanti u minn movimenti ta'

[15] Għal aktar informazzjoni, ara COM(2022) 85 final: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/economy-finance/com_2022_85_1_en_act_en.pdf.

riapprezzament. B'mod partikolari, kien hemm deprezzament qawwi immedjatament wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, parzjalment imnaqqas grazzi għal politika monetarja restrittiva. F'April 2022, il-forint kien madwar 5 % aktar dgħajjef kontra l-euro minn kif kien sentejn qabel. Id-differenzi fir-rati tal-imgħax fuq perjodu qasir vis-à-vis iż-żona tal-euro żdiedu sostanzjalment mill-bidu tal-kriżi tal-COVID-19, meta l-moviment 'il fuq preċedenti fir-rati Ungeriżi ġie amplifikat. Il-firxa żdiedet l-ewwel fix-xitwa tal-2020 u fil-bidu tar-rebbiegħa tal-2020, meta r-rati monetarji żdiedu sabiex jappoġġaw ir-rata tal-kambju fl-eqqel tal-kriżi. Wara stabbilizzazzjoni f'madwar 130 punt bażi bejn Jannar u Ġunju tal-2021, il-firxa bdiet tiżdied b'mod qawwi minħabba l-issikkar tal-politika monetarja. Il-firxa laħqet is-705 punti bażi f'April tal-2022.

**L-Ungerija ma tissodisfax il-kriterju dwar il-konverġenza tar-rati tal-imgħax fit-tul.** Ir-rata medja tal-imgħax fit-tul kienet 4,1 % f'April tal-2022, ogħla mill-valur referenzjarju ta' 2,6 %. Ir-rata tal-imgħax fit-tul tal-Ungerija, li kienet ta' madwar 2,5 % f'April 2020, naqset sal-aħħar tal-2020, u dan jirrifletti t-tnaqqis monetarju mwettaq minn banek ċentrali ewlenin. Ir-rata tal-imgħax fit-tul tal-Ungerija bdiet terġa' tiżdied fl-2021, b'mod partikolari minn Settembru 2021 'il quddiem, u dan jirrifletti l-issikkar tal-politika monetarja, sabiex qabżet l-4 % f'Novembru 2021. Iż-żieda fir-rati fit-tul kompliet, u aċċellerat ulterjorment f'Marzu 2022, wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Minkejja ż-żieda fir-rati fuq il-bond ta' referenza Ġermaniż matul l-istess perjodu, il-firxa fit-tul vis-à-vis il-bond ta' referenza Ġermaniż żdiedet matul l-aħħar sentejn u laħqet il-584 punt bażi f'April tal-2022.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll **fatturi addizzjonali**, inkluż l-iżviluppi tal-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tas-swieq. Il-bilanċ estern (il-kont kurrenti u kapitali kkombinati) iddeterjora fl-2020 u fl-2021, l-aktar minħabba tkabbir qawwi fl-importazzjonijiet, li ma ġiex ikkumpensat mill-esportazzjonijiet, li kienu affettwati mit-tfixkil tal-COVID-19. Il-bilanċ estern naqas minn 1,0 % tal-PDG fl-2020 għal -0,4 % fl-2021. L-ekonomija Ungeriża hija integrata ħafna maż-żona tal-euro permezz tar-rabtiet tal-kummerċ u tal-investiment. Indikaturi magħżula relatati mal-ambjent tan-negozju juru li l-Ungerija għandha prestazzjoni agħar minn dik ta' ħafna Stati Membri taż-żona tal-euro. L-Ungerija *inter alia* qiegħda tiffaċċja sfidi f'oqsma bħall-kontroll tal-korruzzjoni, l-indipendenza ġudizzjarja u l-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Is-sistema finanzjarja tal-Ungerija hija kkaratterizzata minn preżenza kbira ta' parteċipazzjonijiet barranin li ma jwettqu l-ebda intermedjazzjoni finanzjarja fl-ekonomija domestika. Bl-esklużjoni tagħhom, is-sistema finanzjarja tal-Ungerija hija anqas żviluppata minn dik taż-żona tal-euro. Is-settur bankarju tal-Ungerija juri piż kbir u relattivament stabbli fis-settur finanzjarju u huwa integrat tajjeb fis-sistema finanzjarja taż-żona tal-euro minħabba sehem relattivament kbir ta' sjieda barranija. Is-swieq tal-ekwità u tad-dejn huma żgħar u relattivament anqas żviluppati.

L-Ungerija ppreżentat il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha fil-11 ta' Mejju 2021. Il-pjan bħalissa qiegħed jiġi vvalutat mill-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat li l-kriterji kollha ta' valutazzjoni qegħdin jiġu ssodisfati. Il-pjan jipproponi investimenti u riformi sabiex jissaħħu l-kura primarja u l-isptarijiet, tiżdied il-kapaċità tal-ferroviji suburbani u tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-livell residenzjali.

## 6. IL-POLONJA

**Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ġuridika u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-Polonja ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.**

**Il-leġiżlazzjoni fil-Polonja** - b'mod partikolari l-Att dwar in-Narodowy Bank Polski (NBP) u l-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja - **ma hijiex kompatibbli għalkollox** mal-obbligu ta' konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE. L-inkompatibbiltajiet jikkonċernaw l-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ fi żmien l-adozzjoni tal-euro. Barra minn hekk, l-Att dwar l-NBP fih ukoll xi imperfezzjonijiet relatati mal-indipendenza tal-bank ċentrali u mal-integrazzjoni tal-NBP fis-SEBĊ fiż-żmien tal-adozzjoni tal-euro.

**Il-Polonja ma tissodisfax il-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.** Ir-rata ta' inflazzjoni medja fil-Polonja matul it-12-il xahar sa April 2022 kienet 7,0 %, ferm ogħla mill-valur referenzjarju ta' 4,9 %. Huwa previst li fix-xhur li ġejjin se tibqa' ferm ogħla mill-valur referenzjarju.

*Graff 6a: il-***Polonja - Kriterju tal-inflazzjoni mill-2016**




Nota: Il-punti fit-tarf tal-lemin tal-graff juru il-valur ta' referenza pproġġettati u l-medja tar-rata tal-inflazzjoni ta' 12-il xahar tal-pajjiż f'Diċembru 2022.
Il-valuri ta' referenza tal-2016, 2018 u 2020 jirreferu għall-valuri ta' referenza kkalkulati fir-Rapporti ta' Konverġenza preċedenti.
Sors: Eurostat, Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-Rebbiegħa 2022.

L-inflazzjoni annwali tal-HICP fil-Polonja kellha xejra 'l fuq wiesgħa matul il-biċċa l-kbira tal-2020 u l-2021, b'medja ta' 3,7 % fl-2020 u 5,2 % fl-2021 l-aktar minħabba l-inflazzjoni tas-servizzi u tal-enerġija. L-HICP annwali naqas għal 2,9 % f'April 2020 wara l-effett diżinflazzjonarju tal-ewwel mewġa tal-pandemija fil-Polonja. Dan irkupra għal 3,8 % f'Ġunju 2020 u baqa' ġeneralment kostanti sa Frar 2021. L-inflazzjoni annwali mbagħad żdiedet drastikament matul l-2021 u l-bidu tal-2022, xprunata miż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel kif ukoll mill-aċċellerazzjoni tal-inflazzjoni bażi (xprunata minn prodotti u servizzi industrijali mhux tal-enerġija). Din laħqet is-7,0 % f'April tal-2022. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni tal-HICP fil-Polonja fl-2020 u fl-2021 bħala medja kienu ogħla milli fiż-żona tal-euro.

L-inflazzjoni hija mistennija li tiżdied għal 11,6 % fl-2022 u għal 7,3 % fl-2023 skont il-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022. Il-prezzijiet tal-enerġija huma mistennija li jiżdiedu b'mod qawwi fost żieda qawwija fil-prezzijiet regolati tal-enerġija fil-bidu tal-2022, għalkemm iż-żieda se tkun kemxejn kontrobilanċjata minn pakkett ta' politika stabbilit mill-gvern sabiex jitnaqqsu r-rati tat-taxxa mħallsa fuq il-prodotti tal-enerġija u tal-ikel. Il-livell relattivament baxx tal-

prezzijiet fil-Polonja (madwar 56 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2020) huwa indikazzjoni ta' potenzjal sinifikanti għal konverġenza fil-livell tal-prezzijiet fit-tul.

**Il-Polonja tissodisfa l-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.** Il-Polonja ma hijiex is-suġġett ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Id-defiċit ġenerali tal-gvern żdied drastikament għal 6,9 % tal-PDG fl-2020 u naqas għal 1,9 % fl-2021. Il-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022 tipprevedi li l-proporzjon tad-defiċit mal-PDG jiddeterjora għal 4,0 % fl-2022, u dan jirrifletti l-miżuri meħuda mill-gvern biex jitnaqqas l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-kostijiet tal-assistenza lil dawk li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Huwa mistenni li jilħaq l-4,4 % fl-2023 taħt suppożizzjoni ta' "l-ebda bidla fil-politika". Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni adottat rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-TFUE għal 18-il Stat Membru, inkluż il-Polonja. B'mod ġenerali, filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha kif xieraq, l-analiżi fir-rapport issuġġeriet li l-Polonja ma ssodisfatx il-kriterju tad-defiċit. F'konformità mal-Komunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Marzu 2022[16], il-Kummissjoni ma pproponitx li jinfetħu proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv. Hija nnotat li l-pandemija tal-COVID-19 għad għandha impatt makroekonomiku u fiskali straordinarju li, flimkien mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, joħloq inċertezza eċċezzjonali, inkluż għat-tfassil ta' perkors dettaljat għall-politika fiskali. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni qieset li deċiżjoni dwar jekk l-Istati Membri għandhomx jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' defiċit eċċessiv ma għandhiex tittieħed fir-rebbiegħa tal-2022. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku mal-PDG naqas minn madwar 57,1 % fl-2020 għal 53,8 % fl-2021 u huwa previst li jkompli jonqos għal 50,8 % fl-2022 u 49,8 % fl-2023. L-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn għall-Polonja tindika riskji baxxi fit-terminu medju, b'mod partikolari peress li d-dejn tal-gvern huwa mistenni li jibqa' taħt is-60 % tal-PDG sal-2032. Il-qafas fiskali fil-Polonja huwa ġeneralment b'saħħtu u r-regoli fiskali numeriċi jinsabu fiċ-ċentru tal-qafas. Il-qafas reċentement ġie rilassat xi ftit biex jitqiesu l-pressjonijiet li ħarġu mill-pandemija tal-COVID-19.

*Graff 6b:* **il-Polonja - Bilanċ u dejn tal-baġit tal-Gvern**




((*) Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022.
Sors: Eurostat, Servizzi tal-Kummissjoni.

**Il-Polonja ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju.** Iż-zloty Pollakk ma jipparteċipax fl-ERM II. Il-Polonja topera reġim *de jure* ta' rata tal-kambju varjabbli, li jippermetti interventi fis-suq tal-muniti barranin mill-bank ċentrali. Iż-zloty ddeprezza drastikament wara l-bidu tal-kriżi tal-COVID-19 fil-bidu tal-2020. Wara, dan għadda minn perjodu ta' fluttwazzjonijiet iżda ma wera l-ebda xejra ċara sa Frar 2022. L-NBP intervjena b'mod attiv fis-suq tal-muniti barranin sabiex jistabbilizza ż-

[16] Għal aktar informazzjoni, ara COM(2022) 85 final: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/economy-finance/com_2022_85_1_en_act_en.pdf.

zloty matul dan il-perjodu. L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja dgħajfet iż-zloty. F'April tal-2022, iż-zloty kien madwar 2 % aktar dgħajjef meta mqabbel mal-euro milli kien sentejn qabel. Id-differenzjal tar-rata tal-imgħax fuq perjodu ta' żmien qasir vis-à-vis iż-żona tal-euro varja ħafna fl-2020 u fl-2021, u dan jirrifletti d-differenzi fil-pożizzjonijiet tal-politika monetarja fil-Polonja u fiż-żona tal-euro. Dan naqas għal livelli storikament baxxi wara l-bidu tal-kriżi tal-COVID-19 minħabba llaxkar fil-politika monetarja tal-NBP. Minn Ottubru 2021, id-differenzjal tar-rata tal-imgħax fuq perjodu ta' żmien qasir kiber b'mod rapidu hekk kif l-NBP issikkat il-politika tagħha u r-rata ta' referenza laħqet il-5,25 % f'Mejju tal-2022. Ir-riżervi internazzjonali miżmuma mill-NBP żdiedu u sal-aħħar tal-2021 kienu jikkostitwixxu EUR 147 biljun (madwar 26 % tal-PDG).

**Il-Polonja ma tissodisfax il-kriterju dwar il-konverġenza ta' rati tal-imgħax fit-tul.** Ir-rata medja tal-imgħax fit-tul fis-sena sa April 2022 kienet ta' 3,0 %, ogħla mill-valur referenzjarju ta' 2,6 %. It-tnaqqis tal-politika monetarja wara l-bidu tal-pandemija fl-2020 ikkontribwixxa għal tnaqqis sinifikanti fir-rati tal-imgħax fit-tul, li baqgħu fil-livell ta' 1,3 % sal-aħħar tal-2020. F'Jannar tal-2021, ir-rata tal-imgħax fit-tul laħqet l-aktar livell baxx irreġistrat tagħha (1,2 %) qabel ma bdiet tiżdied b'mod moderat sas-sajf. L-issikkar tal-politika monetarja, li beda f'Ottubru 2021, imbagħad ikkontribwixxa għal żieda konsiderevoli fir-rata tal-imgħax fit-tul li laħqet it-3,0 % f'April tal-2022. Il-firxa tar-rata tal-imgħax fit-tul vis-à-vis il-bond ta' referenza Ġermaniż naqset b'mod qawwi matul l-ewwel xhur tal-kriżi tal-COVID-19 u varjat madwar 180 punt bażi sa April 2021. F'nofs l-2021, bdiet tiżdied bi ftit u sa Ottubru 2021, il-firxa bdiet titwessa'. Sa tmiem l-2021, il-firxa tar-rata tal-imgħax fit-tul laħqet madwar 373 punt bażi u kompliet tikber għal 521 punt bażi f'April 2022.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll **fatturi addizzjonali**, inkluż l-iżviluppi tal-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tas-swieq. Il-bilanċ estern tal-Polonja (il-kont kurrenti u kapitali kkombinati) baqa' f'surplus fl-2020 u fl-2021 iżda naqas lejn l-aħħar tal-2021 u fil-bidu tal-2022 minħabba ż-żieda fil-prezz tal-importazzjonijiet tal-komoditajiet. L-ekonomija Pollakka hija integrata tajjeb fiż-żona tal-euro permezz tar-rabtiet tal-kummerċ u tal-investiment. Indikaturi magħżula relatati mal-ambjent tan-negozju juru li l-Polonja għandha prestazzjoni agħar minn ħafna Stati Membri taż-żona tal-euro, b'mod partikolari fir-rigward tal-indikaturi dwar l-istat tad-dritt u l-effettività tal-gvern. Is-settur finanzjarju fil-Polonja huwa iżgħar u anqas żviluppat milli fiż-żona tal-euro. Huwa ddominat ħafna mill-banek, li huma integrati tajjeb fis-sistema finanzjarja taż-żona tal-euro. Il-finanzjament ibbażat fuq is-suq huwa anqas żviluppat, u dan huwa rifless fis-swieq żgħar ħafna għall-ekwità u d-dejn tas-settur privat.

Il-Polonja ppreżentat il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) tagħha fit-3 ta' Mejju 2021. Il-pjan jipproponi investimenti u riformi biex l-ekonomija Pollakka tiġi dekarbonizzata, biex is-settur tat-trasport isir aktar sostenibbli, biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-klima ta' investiment, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistema ġudizzjarja Pollakka, kif ukoll il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-liġijiet, biex itejbu l-konnettività tal-IT u biex jagħmlu s-sistema tal-kura tas-saħħa aktar reżiljenti.

## 7. IR-RUMANIJA

**Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ġuridika u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u filwaqt li tqiesu l-fatturi rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li r-Rumanija ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.**

**Il-leġiżlazzjoni fir-Rumanija** - b'mod partikolari l-Liġi Nru 312 dwar l-Istatut tal-Bank tar-Rumanija (il-Liġi tal-BNR) – **ma hijiex kompatibbli għalkollox** mal-obbligu ta' konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE. L-inkompatibbiltajiet jikkonċernaw l-indipendenza tal-bank ċentrali, il-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u l-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ fi żmien l-adozzjoni tal-euro. Barra minn hekk, il-Liġi tal-BNR fiha imperfezzjonijiet relatati mal-indipendenza tal-bank ċentrali u mal-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ fil-mument tal-adozzjoni tal-euro fir-rigward tal-objettivi tal-BNR u l-kompiti tas-SEBĊ stabbiliti fl-Artikolu 127(2) tat-TFUE u fl-Artikolu 3 tal-Istatut tas-SEBĊ/BĊE.

**Ir-Rumanija ma tissodisfax il-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.** Ir-rata ta' inflazzjoni medja fir-Rumanija matul it-12-il xahar sa April 2022 kienet 6,4 %, ogħla mill-valur referenzjarju ta' 4,9 %. Huwa proġġettat li fix-xhur li ġejjin se tibqa' ogħla mill-valur referenzjarju.

L-inflazzjoni annwali tal-HICP fir-Rumanija aċċellerat matul l-2021, minn medja ta' 2,3 % fl-2020 għal 4,1 % fl-2021. Ir-rata annwali tal-inflazzjoni naqset minn 3,9 % f'Jannar 2020 għal 1,8 % f'Mejju 2020, li tirrifletti t-tnaqqis fid-domanda għall-prodotti u s-servizzi fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll it-tnaqqis qawwi fil-prezz internazzjonali taż-żejt naturali fl-ewwel erba' xhur tal-2020. Wara żieda temporanja għal 2,5 % f'Awwissu tal-2020, li tirrifletti inflazzjoni qawwija fil-prezzijiet tal-ikel, din reġgħet naqset u niżlet għal 1,7 % f'Novembru 2020. Sussegwentement, l-inflazzjoni żdiedet mingħajr interruzzjoni, u laħqet it-3,5 % f'Ġunju 2021 u s-6,7 % f'Diċembru 2021. Iż-żieda kienet xprunata minn prezzijiet ogħla tal-enerġija matul l-2021 u, fit-tieni nofs tal-2021, sostnuta wkoll minn inflazzjoni bażi ogħla. Din kompliet taċċellera fl-ewwel erba' xhur tal-2022, u laħqet il-11,7 % f'April 2022. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni tal-HICP fir-Rumanija fl-2020 u fl-2021 bħala medja kienu ogħla minn dawk taż-żona tal-euro.

Il-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022 tistenna li r-rata ta' inflazzjoni medja annwali tiżdied għal 8,9 % fl-2022, qabel ma tinżel għal 5,1 % fl-2023. Iż-żieda sinifikanti fl-2022 hija prinċipalment dovuta għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, filwaqt li prezzijiet ogħla tal-ikel jikkontribwixxu wkoll. Il-livell relattivament baxx tal-prezzijiet fir-Rumanija (madwar 52 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2020) huwa indikazzjoni ta' potenzjal sinifikanti għal konverġenza fil-livell tal-prezzijiet fit-tul.

*Graff 7a:* **ir-Rumanija - Kriterju tal-inflazzjoni mill-2016**




Nota: Il-punti fit-tarf tal-lemin tal-graff juru il-valur ta' referenza pproġġettati u l-medja tar-rata tal-inflazzjoni ta' 12-il xahar tal-pajjiż f'Diċembru 2022.
Il-valuri ta' referenza tal-2016, 2018 u 2020 jirreferu għall-valuri ta' referenza kkalkulati fir-Rapporti ta' Konverġenza preċedenti.
Sors: Eurostat, Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-Rebbiegħa 2022.

**Ir-Rumanija ma tissodisfax il-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.** Ir-Rumanija ilha soġġetta għal proċedura ta' defiċit eċċessiv minn April 2020, abbażi tal-iżviluppi ta' qabel il-pandemija. Fit-18 ta' Ġunju 2021, filwaqt li qies l-applikazzjoni kontinwa tal-klawżola ġenerali dwar il-ħruġ tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni riveduta skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat (TFUE), bil-ħsieb li jintemm id-defiċit eċċessiv tal-gvern fir-Rumanija sa mhux aktar tard mill-2024. Fit-23 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni kkonkludiet li, filwaqt li jitqies ir-riżultat tad-defiċit ta' 7,1 % tal-PDG fl-2021 u l-isforz fiskali fl-2021, ir-Rumanija kienet konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 u l-proċedura ta' defiċit eċċessiv għandha tinżamm sospiża. It-titjib fid-defiċit tal-gvern estiż fl-2021, li naqas minn 9,3 % tal-PDG fl-2020, kien prinċipalment dovut għal dħul ogħla bħala riżultat tal-irkupru ekonomiku, filwaqt li l-gvern implimenta wkoll xi miżuri ta' konsolidazzjoni, inkluż iffriżar fil-pagi tas-settur pubbliku. Il-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022 tipprojjetta li d-defiċit tal-gvern estiż ikompli jonqos għal 7,5 % tal-PDG fl-2022, minkejja l-miżuri meħuda mill-gvern sabiex jitnaqqas l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u l-kostijiet tal-assistenza għal dawk li jaħarbu mill-Ukrajna. Huwa previst li jonqos għal 6,3 % tal-PDG fl-2023 taħt is-suppożizzjoni li ma jkun hemm "l-ebda bidla fil-politika". Madankollu, kemm għall-2022 kif ukoll għall-2023, ir-Rumanija tinsab f'riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-miri fiskali stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku mal-PDG żdied minn 47,2 % fl-2020 għal 48,8 % fl-2021 u huwa mistenni li jiżdied ulterjorment għal 50,9 % fl-2022 u 52,6 % fl-2023. Ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn għar-Rumanija jidhru medji fit-terminu medju, b'mod partikolari peress li d-dejn tal-gvern huwa mistenni li jiżdied għal madwar 73 % tal-PDG fl-2032 u minħabba sensittività sinifikanti tal-projezzjonijiet għal żviluppi makrofinanzjarji negattivi. Minkejja li għandu qafas leġiżlattiv xieraq, ir-rekord ta' implimentazzjoni tal-qafas fiskali Rumen kien ġeneralment dgħajjef u ma tjiebx mill-aħħar rapport 'l hawn. B'mod partikolari, il-liġijiet tal-baġit annwali ripetutament ikkontradixxew ir-regoli fiskali nazzjonali u ma ġewx iggwidati minn strateġiji baġitarji fuq terminu medju.

Graff 7b: **ir-Rumanija - Bilanċ u dejn tal-baġit tal-Gvern**




(*) Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022.
Sors: Eurostat, Servizzi tal-Kummissjoni.

**Ir-Rumanija ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju.** Il-leu Rumen ma jipparteċipax fl-ERM II. Ir-Rumanija topera reġim ta' rata tal-kambju varjabbli *de jure*, li jippermetti interventi fis-suq tal-muniti barranin mill-bank ċentrali. Il-leu ddeprezza b'mod kostanti kontra l-euro fl-2020 u fl-2021. F'April 2022, il-leu kien madwar 2 % aktar dgħajjef meta mqabbel mal-euro milli kien sentejn qabel. Il-firxa tar-rata tal-imgħax fuq żmien qasir vis-à-vis iż-żona tal-euro naqset b'madwar 120 punt bażi bejn Marzu 2020 u Frar 2021 minn 330 punt bażi, li tirrifletti t-tnaqqis ewlieni fir-rata tal-politika mill-BNR matul dan il-perjodu. Sussegwentement, din żdiedet mill-aktar punt baxx tagħha ta' ftit aktar minn 200 punt bażi f'Ġunju 2021 għal madwar 520 punt bażi f'April 2022, hekk kif il-politika monetarja saret aktar stretta bejn Settembru 2021 u April 2022.

**Ir-Rumanija ma tissodisfax il-kriterju dwar il-konverġenza tar-rati tal-imgħax fit-tul.** Ir-rata medja tal-imgħax fit-tul fis-sena sa April 2022 kienet ta' 4,7 %, ogħla mill-valur referenzjarju ta' 2,6 %. Fil-bidu tal-kriżi tal-COVID-19, ir-rata tal-imgħax fit-tul fir-Rumanija żdiedet drastikament minn 4,0 % fi Frar 2020 għal 4,8 % f'April 2020. Sussegwentement, naqset b'mod kostanti, u laħqet il-livell baxx ta' 2,7 % fi Frar 2021, bit-tnaqqis jirrifletti l-miżuri ta' tnaqqis ġenerali fil-politika monetarja mill-banek ċentrali. Ir-rati tal-imgħax bdew jerġgħu jiżdiedu f'Marzu 2021 u kienu fuq perkors 'il fuq matul il-bqija tas-sena, u żdiedu għal 5,4 % f'Diċembru 2021, dan jirrifletti pressjonijiet inflazzjonarji ogħla u, minn Ottubru 2021, issikkar tal-politika monetarja fir-Rumanija. Fl-ewwel erba' xhur tal-2022, ir-rata tal-imgħax fit-tul tar-Rumanija żdiedet ulterjorment għal 6,6 % f'April 2022, fil-kuntest ta' pressjonijiet inflazzjonarji kontinwati, aktar issikkar fil-politika monetarja u averżjoni akbar għar-riskju wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Il-firxa fit-tul kontra l-bond ta' referenza Ġermaniż laħqet il-586 punt bażi f'dak ix-xahar, żieda minn 310 punt bażi fi Frar tal-2021.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll **fatturi addizzjonali**, inkluż l-iżviluppi tal-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tas-swieq. Il-bilanċ estern tar-Rumanija (il-kont kurrenti u kapitali kkombinat) iddeterjora minn -3,1 % tal-PDG fl-2020 għal -4,8 % fl-2021, l-aktar minħabba twessigħ fid-defiċit tal-kummerċ tal-prodotti. L-ekonomija Rumena hija integrata tajjeb fiż-żona tal-euro permezz tar-rabtiet tal-kummerċ u tal-investiment. Indikaturi magħżula relatati mal-ambjent tan-negozju juru li r-Rumanija għandha prestazzjoni agħar minn dik ta' ħafna Stati Membri taż-żona tal-euro. B'mod partikolari, il-kumpaniji jiffaċċjaw restrizzjonijiet biex jagħmlu negozju bħall-korruzzjoni, swieq regolati żżejjed għas-servizzi tan-negozju, bidliet leġiżlattivi frekwenti flimkien ma' valutazzjonijiet tal-impatt inadegwati. Is-settur finanzjarju

fir-Rumanija huwa iżgħar u anqas żviluppat milli fiż-żona tal-euro. Is-settur bankarju tar-Rumanija huwa integrat tajjeb fis-settur finanzjarju taż-żona tal-euro, b'mod partikolari permezz ta' livell għoli ta' sjieda barranija fis-sistema bankarja tagħha. Madankollu, il-finanzjament ibbażat fuq is-suq huwa anqas żviluppat, u dan huwa rifless fis-swieq żgħar ħafna għall-ekwità u d-dejn tas-settur privat. Fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-Rapport tagħha dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija għall-2022 li Rieżami fil-Fond (IDR) għar-Rumanija huwa ġġustifikat. Dan tal-aħħar ikkonkluda li r-Rumanija qiegħda tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. Il-vulnerabbiltajiet għandhom x'jaqsmu ma' kontijiet esterni u huma marbuta ma' defiċits fiskali kbar u ma' kwistjonijiet ta' kompetittività li qed jerġgħu jitfaċċaw.

L-implimentazzjoni effettiva tar-riformi u l-investiment stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tar-Rumanija se jindirizzaw sfidi makroekonomiċi ewlenin. Dawn jinkludu s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, l-edukazzjoni, iż-żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra u n-nuqqas ta' konnettività diġitali. Investimenti ewlenin huma inklużi għall-modernizzazzjoni tal-ferroviji, l-effiċjenza enerġetika tal-bini, id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u biex is-sistema tas-saħħa ssir aktar reżiljenti. Riformi ewlenin għandhom l-għan li jindirizzaw is-sostenibbiltà fiskali, li jtejbu l-aċċess għall-finanzjament, li jsaħħu l-amministrazzjoni pubblika u li jimmodernizzaw is-sistema tal-benefiċċji soċjali. Il-pjan jimmira wkoll li jindirizza l-kwistjonijiet ewlenin relatati mar-rispett tal-istat tad-dritt fir-Rumanija billi jsaħħaħ l-indipendenza u jżid l-effiċjenza tal-ġudikatura, itejjeb l-aċċess għall-ġustizzja, u jsaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

## 8. L-IŻVEZJA

**Fid-dawl tal-valutazzjoni tagħha tal-kompatibbiltà ġuridika u tal-issodisfar tal-kriterji ta' konverġenza, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti addizzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-Iżvezja ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tal-euro.**

**Il-leġiżlazzjoni fl-Iżvezja** - partikolarment l-Att dwar is-Sveriges Riksbank, l-Istrument tal-Gvern u l-Liġi dwar il-Politika tar-Rata tal-Kambju - **ma hijiex kompatibbli għalkollox** mal-obbligu ta' konformità skont l-Artikolu 131 tat-TFUE. Jeżistu inkompatibbiltajiet u imperfezzjonijiet fl-oqsma tal-indipendenza tal-bank ċentrali, tal-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju u tal-integrazzjoni tal-bank ċentrali fis-SEBĊ fi żmien tal-adozzjoni tal-euro.

**L-Iżvezja tissodisfa l-kriterju dwar l-istabbiltà tal-prezzijiet.** Ir-rata ta' inflazzjoni medja fl-Iżvezja matul it-12-il xahar sa April 2022 kienet 3,7 %, taħt il-valur referenzjarju ta' 4,9 %. Il-Kummissjoni tipprevedi li fix-xhur li ġejjin din se tibqa' taħt il-valur referenzjarju.

*Graff 8a:* **l-Iżvezja - Kriterju tal-inflazzjoni mill-2016**
(perċentwal, 12-il xahar medja mobbli)




Nota: Il-punti fit-tarf tal-lemin tal-graff juru il-valur ta' referenza pproġġettati u l-medja tar-rata tal-inflazzjoni ta' 12-il xahar tal-pajjiż f'Diċembru 2022. Il-valuri ta' referenza tal-2016, 2018 u 2020 jirreferu għall-valuri ta' referenza kkalkulati fir-Rapporti ta' Konverġenza preċedenti.
Sors: Eurostat, Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni għar-Rebbiegħa 2022.

Ir-rata ta' inflazzjoni annwali tal-HICP tal-Iżvezja kellha medja ta' 2,7 % fl-2021, minn 0,7 % fl-2020. Matul l-2021, l-inflazzjoni annwali tal-HICP kienet qiegħda tiżdied b'mod qawwi, u żdiedet drastikament fl-ewwel xhur tal-2022, u laħqet is-6,6 % f'April tal-2022. Ix-xejra ġiet interrotta għal ftit f'nofs l-2021, meta l-inflazzjoni naqset minħabba tnaqqis temporanju fir-rata taż-żieda tal-prezzijiet tas-servizzi u tal-prodotti industrijali, hekk kif dawn ġew aġġustati wara l-ewwel mewġa tal-pandemija. Iż-żieda ġenerali fl-inflazzjoni sena wara sena rriflettiet l-aktar il-prezzijiet ogħla b'mod sinifikanti tal-enerġija — l-aktar il-prezzijiet tal-elettriku —, u aktar tard fis-sena, żidiet usa' fil-prezzijiet f'diversi kategoriji tal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur. Matul l-2021, l-inflazzjoni fl-Iżvezja kienet ġeneralment konformi ma' dik taż-żona tal-euro. F'April tal-2022, l-inflazzjoni annwali tal-HICP kienet 6,6 %.

Fil-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022, il-Kummissjoni tipprojjetta li l-inflazzjoni se tiżdied għal madwar 5,3 % fl-2022, minħabba prezzijiet ogħla tal-enerġija u tal-komoditajiet li jinteraġixxu ma' żidiet usa' aktar persistenti fil-prezzijiet, u tfixkil fil-katina tal-provvista, qabel ma terġa' lura għal 3,0 % fl-2023. Il-livell tal-prezzijiet fl-Iżvezja huwa relattivament għoli (madwar 116 % tal-medja taż-żona tal-euro fl-2020), u minħabba l-livell ta' żvilupp ekonomiku, il-konverġenza lejn il-livell prevalenti tal-prezzijiet taż-żona tal-euro ma hijiex probabbli.

**L-Iżvezja tissodisfa l-kriterju dwar il-finanzi pubbliċi.** L-Iżvezja ma hijiex is-suġġett ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv. Il-bilanċ ġenerali tal-gvern tjieb minn defiċit ta' 2,7 % tal-PDG fl-2020 għal defiċit ta' 0,2 % tal-PDG fl-2021, li jirrifletti t-tneħħija gradwali ta' diversi miżuri tal-COVID-19, li jiddominaw l-appoġġ kontinwu għan-nefqa f'xi oqsma, u effett ta' denominatur hekk kif it-tkabbir irkupra fl-2021. Skont il-Previżjoni Ekonomika tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022, il-bilanċ tal-gvern estiż huwa mistenni li jilħaq -0,5 % tal-PDG fl-2022 u 0,5 % fl-2023, u dan jirrifletti parzjalment l-irtirar tal-appoġġ fiskali hekk kif jibda jseħħ l-irkupru. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku mal-PDG naqas minn 39,6 % fl-2020 għal 36,7 % fl-2021 u huwa mistenni li jkompli jonqos għal 33,8 % fl-2022 u għal 30,5 % fl-2023. Ir-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn għall-Iżvezja jidhru baxxi fit-terminu medju, b'mod partikolari peress li d-dejn tal-gvern huwa mistenni li jonqos għal livell partikolarment baxx sal-2032 (madwar 11 % tal-PDG). Is-sensittività tal-projezzjonijiet għall-iżviluppi makrofinanzjarji negattivi hija limitata.

L-Iżvezja għandha qafas fiskali b'saħħtu, li kien soġġett għal riforma fl-2019, li jippreserva l-pilastri ewlenin tal-istruttura preċedenti u jsaħħaħhom b'elementi ġodda (bħal ankra għad-dejn ta' 35 % tal-PDG).

Graff 8b: l-Iżvezja - Bilanċ u dejn tal-baġit tal-Gvern




(*) Tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2022.
Sors: Eurostat, Servizzi tal-Kummissjoni.

**L-Iżvezja ma tissodisfax il-kriterju dwar ir-rata tal-kambju.** Il-krona Żvediża ma tipparteċipax fl-ERM II. L-Iżvezja topera reġim ta' rata tal-kambju varjabbli *de jure*, li jippermetti interventi fis-suq tal-muniti barranin mill-bank ċentrali. Wara perjodu twil ta' deprezzament bil-mod kontra l-euro bejn l-2013 u l-bidu tal-2020, il-krona bdiet tapprezza bis-saħħa tar-reżiljenza tal-ekonomija għall-kriżi tal-COVID-19. Bejn April 2020 u Novembru 2021, il-krona apprezzat bi kważi 8 % kontra l-euro. L-apprezzament seħħ minkejja kundizzjonijiet monetarji stabbli (meta mqabbel maż-żona tal-euro), fejn il-firxa STIBOR-EURIBOR ta' tliet xhur matul l-2020 u l-2021 kellha medja ta' 50 u 51 punt bażi, rispettivament. Fil-bidu tal-2022, il-krona ddeprezzat, hekk kif l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja xprunat il-flussi ta' postijiet sikuri, u dan jirrifletti l-bidliet fl-attitudni għar-riskju u l-flussi temporanji assoċjati mal-pagamenti tad-dividendi ta' kumpaniji multinazzjonali. Sussegwentement, il-krona reġgħet irkuprat xi ftit. F'April tal-2022, il-firxa kienet ta' madwar 55 punt bażi u r-rata tal-kambju kienet 5 % aktar b'saħħitha kontra l-euro milli kienet sentejn qabel.

**L-Iżvezja tissodisfa l-kriterju dwar il-konverġenza tar-rati tal-imgħax fit-tul.** Ir-rata medja tal-imgħax fit-tul fis-sena sa April 2022 kienet ta' 0,4 %, ferm inqas mill-valur ta' referenza ta' 2,6 %. Mill-bidu tal-2021, ir-rati tal-imgħax fit-tul tal-Iżvezja varjaw madwar livell ta' 0,3 %, fuq bażi ta' kull xahar. Dan huwa ftit ogħla milli kien fis-sena ta' qabel. Il-firxa vis-à-vis il-bond ta' referenza Ġermaniż baqgħet baxxa fl-2020 u fl-2021, u saħansitra naqset kemxejn wara żieda qasira indotta mill-COVID ta' 76 punt bażi f'Marzu 2021 għal 46 punt bażi fi Frar 2022. Wara żieda reċenti, il-firxa kienet ta' 72 punt bażi f'April 2022.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll **fatturi addizzjonali**, inkluż l-iżviluppi tal-bilanċ tal-pagamenti u l-integrazzjoni tas-swieq. Il-bilanċ estern tal-Iżvezja (il-kont kurrenti u kapitali kkombinati) baqa' f'surplus, b'6,1 % tal-PDG fl-2020 u 5,5 % fl-2021. L-ekonomija tal-Iżvezja hija integrata tajjeb fiż-żona tal-euro permezz tar-rabtiet tal-kummerċ u tal-investiment. Indikaturi magħżula relatati mal-ambjent tan-negozju juru li l-Iżvezja għandha prestazzjoni aħjar minn dik ta' ħafna Stati Membri taż-żona tal-euro. Is-settur finanzjarju fl-Iżvezja huwa żviluppat sew u integrat tajjeb fis-settur finanzjarju tal-UE. Il-qasam bankarju jiddomina s-settur finanzjarju, iżda l-fondi tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni huma partijiet integrali ta' daqs sinifikanti. Barra minn

hekk, l-Iżvezja għandha fost l-aktar swieq ta' kreditu u ta' ekwità żviluppati fost l-Istati Membru tal-UE u l-finanzjament tas-suq huwa fost l-ogħla fl-UE. Fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-Rapport tagħha dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija għall-2022 li kien hemm bżonn ta' Rieżami fil-Fond għall-Iżvezja. Abbażi tal-valutazzjoni fir-Rieżami fil-Fond, il-Kummissjoni tqis li l-Iżvezja qiegħda tesperjenza żbilanċi b'vulnerabbiltajiet li għandhom x'jaqsmu ma' prezzijiet tal-djar għoljin u li qed jogħlew u dejn għoli tal-unitajiet domestiċi, li jesponi lill-Iżvezja għar-riskju ta' xokkijiet avversi u korrezzjoni diżordinata tal-prezzijiet tad-djar, b'implikazzjonijiet potenzjali ta' ħsara għall-ekonomija reali u għas-settur bankarju.

L-implimentazzjoni effettiva tar-riformi u l-investiment stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) tal-Iżvezja se jindirizzaw sfidi makroekonomiċi ewlenin. Dawn jinkludu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, it-tibdil demografiku, u t-tisħiħ tas-sistemi tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa. L-investimenti ewlenin jinkludu skemi ta' sussidju sabiex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u tat-trasport, l-introduzzjoni ta' broadband b'veloċità għolja f'żoni b'popolazzjoni baxxa u l-investiment fl-apprendiment u fil-ħiliet diġitali. Ir-riformi ewlenin jinvolvu li l-fornituri tal-fjuwil ikunu meħtieġa jħalltu bijofjuwils sostenibbli fil-petrol, fid-diżil u fil-fjuwil tal-ġettijiet, itejbu s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet u tas-sigurtà soċjali, jiġġieldu l-ħasil tal-flus, iżidu l-aċċessibbiltà u l-kapaċità tas-sistema tal-kura tas-saħħa, u jippromwovu l-provvista tal-akkomodazzjoni billi jnaqqsu restrizzjonijiet fil-proċedura tal-permessi.